



Brussell, 17 ta' Diċembru 2025  
(OR. en)

16984/25  
ADD 1

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0425 (NLE)**

---

---

**ECOFIN 1771  
UEM 643  
FIN 1571  
ECB  
EIB**

### **NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	17 ta' Diċembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 787 annex
Suġġett:	ANNESS għal Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-4 ta' Ottubru 2022 dwar l- approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għan- Netherlands

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 787 annex.

---

Mehmuż: COM(2025) 787 annex



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 17.12.2025  
COM(2025) 787 final

ANNEX

ANNEX

*għal*

**Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-4 ta' Ottubru 2022 dwar l-  
approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għan-Netherlands**

{SWD(2025) 427 final}

## ANNEX

### **SEZZJONI 1: RIFORMI U INVESTIMENTI SKONT IL-PJAN GĦALL-IRKUPRU U R-REŻILJENZA**

#### **1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti**

##### **A. IL-KOMPONENT 1: PINBIDDLU T-TRANŻIZZJONI EKOLOĠIKA**

L-objettiv ta' dan il-komponent tal-pjan Netherlandiż għall-irkupru u r-reżiljenza huwa li jippromwovi u jaċċellera t-tranżizzjoni ekoloġika fin-Netherlands u li jindirizza l-problemi kkawżati minn livelli eċċessivi ta' depożizzjoni tan-nitroġenu li jirriżultaw fiż-żoni Netherlandiżi ta' Natura 2000 u madwarhom. Il-komponent jikkonsisti f'ħames riformi u sitt investimenti ddedikati għall-promozzjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika, li minnhom żewġ investimenti jindirizzaw l-isfidi tan-nitroġenu.

L-objettivi tat-tranżizzjoni ekoloġika huma appoġġati minn pakkett ta' riformi tal-ekoloġizzazzjoni fiskali li għandhom l-għan li jagħmlu s-sorsi tal-enerġija sostenibbli finanzjarjament aktar attraenti vis-à-vis il-fjuwils fossili u jinċentivaw liċ-ċittadini u lin-negozji biex jillimitaw il-konsum tal-enerġija tagħhom. Pereżempju, ir-riforma komprensiva tal-Liġi dwar l-Enerġija għandha l-għan li taġġorna, timmodernizza u tintegra l-qafas regolatorju għas-sistemi tal-enerġija tal-gass u tal-elettriku bil-ħsieb li tappoġġa t-tranżizzjoni tal-grilja tal-elettriku għas-sistema tal-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Dawn ir-riformi huma kkomplementati minn programmi ta' investiment għall-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli (jiġifieri l-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta) u trasportaturi (jiġifieri l-idroġenu ekoloġiku) kif ukoll investimenti fl-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ta' mobbiltà sostenibbli, bħal bastimenti tan-navigazzjoni interna b'emissjonijiet zero u inġenji tal-ajru li jaħdmu b'sistemi ta' propulsjoni tal-idroġenu.

L-isfidi tan-nitroġenu huma indirizzati minn skema komprensiva għar-Restawr tan-Natura b'enfasi fuq it-tnaqqis tad-depożizzjoni tan-nitroġenu fuq ħabitats sensitivi fis-siti ta' Natura 2000. L-isfidi tan-nitroġenu huma indirizzati aktar minn skema ta' sussidju għall-waqfien tal-azjendi agrikoli tal-ħnieżer li jinsabu qrib is-siti ta' Natura 2000.

Il-komponent jikkontribwixxi għall-kisba tal-objettivi Netherlandiżi dwar l-enerġija u l-klima, inkluż il-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima (NECP). Il-komponent jappoġġa wkoll l-indirizzar tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż biex il-politika ekonomika relatata mal-investiment tiġi ffukata fuq l-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika u l-istrateġiji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 fl-2019), biex l-investiment jiġi ffukat fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 fl-2020) u biex titnaqqas id-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili billi jiġi aċċellerat l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, b'mod partikolari billi tingħata spinta lill-investimenti komplementari fl-infrastruttura tan-network u jiġu ssimplifikati aktar il-proċeduri għall-għoti ta' permessi, tittejjeb l-effiċjenza enerġetika, b'mod partikolari fil-bini, u jiġu aċċellerati l-investimenti fit-trasport sostenibbli u fl-agrikoltura sostenibbli (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4 fl-2022).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

## **A.1. Deskrizzjoni tar-Riformi u l-Investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

### **Ir-riforma C1.1 R1: Riforma tat-tassazzjoni fuq l-enerġija**

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li tinċentiva lin-negozji u lill-unitajiet domestiċi biex jillimitaw il-konsum tal-enerġija tagħhom, jaqilbu għal sorsi ta' enerġija li ma jagħmlux ħsara lill-klima u jnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO2. Ir-riforma tikkonsisti f'taħlita ta' bidliet fit-tariffi u aġġustamenti strutturali għat-tassazzjoni tal-enerġija.

### **Ir-riforma C1.1 R2: Introduzzjoni u ssikkar tal-imposta tas-CO2 għall-industrija**

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO2 tal-industrija permezz ta' imposta tas-CO2 għall-industrija. Din l-imposta għandha taġixxi bħala prezz minimu, li jistabbilixxi prezz minimu għal tunnellata ta' CO2 emessa: jekk il-prezz fis-Sistema tal-Unjoni Ewropea għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) jaqa' taħt dan il-prezz minimu, id-differenza bejn il-prezz tal-ETS u l-prezz minimu għandha tiġi imposta bħala taxxa.

Ir-riforma relatata mal-imposta tas-CO2 għall-industrija għandha tinkludi l-elementi li ġejjin:

- a) l-introduzzjoni tal-imposta tas-CO2 għall-industrija; u
- b) l-issikkar tal-imposta bl-għan li jitnaqqsu aktar l-emissjonijiet tas-CO2 mill-industrija.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2023.

### **Ir-riforma C1.1 R3: Żieda fit-Taxxa fuq l-Ivvjaġġar bl-Ajru (ATT)**

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li tirrifletti aħjar il-kostijiet soċjali tat-trasport tal-passiġġieri bl-ajru u tiskoraġġixxi t-titjir fuq distanzi qosra. Ir-riforma għandha żżid it-taxxa fuq l-ivvjaġġar bl-ajru li tirriżulta f'żieda immedjata fil-prezz tal-biljetti tal-ivvjaġġar bl-ajru għall-passiġġieri li jitilqu minn ajruport li jinsab fin-Netherlands.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2023.

### **Ir-riforma C1.1 R4: Riforma tat-tassazzjoni fuq il-vetturi**

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li jitnaqqas l-ammont ta' kilometri vvjaġġati minn vetturi li jaħdmu bil-fjuwils fossili. Ir-riforma tikkonsisti fl-eliminazzjoni gradwali ta' eżenzjoni mit-taxxa fuq ix-xiri ta' vetturi bil-mutur u muturi għal vannijiet ta' intraprendituri li jaħdmu bil-fjuwils fossili, l-introduzzjoni ta' imposta għat-trakkijiet ibbażata fuq il-kilometraġġ u l-pubblikazzjoni ta' programm ta' rifużjoni tal-imposta fuq it-trakkijiet fuq diversi snin.

### **Ir-riforma C1.1 R5: Il-liġi dwar l-Enerġija**

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li taġġorna, timmodernizza u tintegra l-qafas regolatorju għas-sistemi tal-enerġija tal-gass u tal-elettriku. Ir-riforma tikkonsisti fid-dħul fis-seħħ tal-Liġi dwar l-Enerġija.

### **Investiment C1.1 I1: Enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta**

L-objettiv ta' dan l-investment huwa li tiżdied il-kapaċità tal-ġenerazzjoni tal-enerġija mir-riħ. L-investment jikkonsisti fl-iffirmar ta' kuntratti u/jew ftehimiet ta' għotja għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet ta' titjib tan-natura u ta' protezzjoni tal-ispeċijiet, l-iffirmar ta' kuntratti għal proġetti li jikkontribwixxu għat-titjib u/jew għar-restawr tan-natura, il-pubblikazzjoni ta' rapporti ta' riċerka, l-iffirmar ta' ċertifikati ta' tlestija għal sensuri f'żewġ stazzjonijiet ta' monitoraġġ statiku, l-iffirmar ta' ftehimiet ta' governanza, l-iffirmar ta' ftehimiet amministrattivi, l-adozzjoni tad-deċiżjoni (jiet) dwar il-Pakkett ta' Impulsi Ekoloġiċi tal-Baħar Wadden u l-adozzjoni

tad-deċiżjoni (jiet) dwar azzjonijiet għall-kumpens għas-salinizzazzjoni tal-art agrikola u l-mitigazzjoni tagħha.

### Investiment C1.1 I2: Enerġija ekoloġika tal-idroġenu

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jaċċellera u jespandi ekosistema tal-idroġenu ekoloġiku fin-Netherlands. L-investiment jikkonsisti fil-pubblikazzjoni ta' aġenda tal-kapital uman, il-konstruzzjoni ta' faċilitajiet ta' dimostrazzjoni u proġetti ta' riċerka.

### Investiment C1.1 I3: Tranżizzjoni tal-enerġija fil-passaġġi fuq l-ilma interni, proġett Servizzi ta' Emissjonijiet Żero (ZES)

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jintuża trasport kompletament elettriku u b'emissjonijiet żero fil-passaġġi fuq l-ilma interni. L-investiment jikkonsisti fl-installazzjoni ta' kontenituri tal-enerġija skambjabbli u stazzjonijiet għad-dokkjar għall-bastimenti.

### Investiment C1.1 I4: L-Avjazzjoni fi tranżizzjoni

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li s-settur tal-avjazzjoni Netherlandiż isir sostenibbli. L-investiment jikkonsisti fil-Kumitat tal-Fond Nazzjonali għat-Tkabbir li jattesta li l-proġett tal-Idroġenu u l-Ottimizzazzjoni (HOT) huwa lest għat-tieni fażi, il-Kumitat tal-Fond Nazzjonali għat-Tkabbir li jattesta li l-proġett tas-Sistemi tal-Enerġija u tal-Ħżin tal-Inġenji tal-Ajru tal-Idroġenu (HAPSS) huwa lest għat-tieni fażi u l-grupp ta' riflessjoni "Viżjoni ta' Titjir" jippubblika pjan direzzjonali lejn avjazzjoni newtrali għall-klima.

### Investiment C1.1 I5: Skema ta' sussidju għall-vetturi elettriċi personali (SEPP)

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jstimula u jaċċellera l-mobbiltà ekoloġika. L-investiment jikkonsisti fl-għoti ta' appoġġ finanzjarju għax-xiri jew il-lokazzjoni ta' vetturi personali elettriċi.

### Investiment C1.1 I6: AanZET

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jħeġġeġ ix-xiri ta' trakkijiet ġodda mingħajr emissjonijiet minn kumpaniji u istituzzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>. L-investimenti jikkonsistu fl-għoti ta' appoġġ finanzjarju għax-xiri ta' trakkijiet b'emissjonijiet żero.

### Investiment C1.2 I1: Programm dwar in-natura

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jnaqqas l-effetti negattivi tal-emissjonijiet tan-nitroġenu fin-Netherlands, li affettwaw b'mod partikolari l-ispeċijiet u l-habitats, u jirrestawraw in-natura vulnerabbli. L-investiment jikkonsisti fis-sottomissjoni ta' pjanijiet ta' implimentazzjoni provinċjali u l-azzjonijiet meħuda, l-iżborż ta' fondi lill-organizzazzjonijiet tal-ġestjoni tal-art, is-sottomissjoni ta' rapporti u l-impenn ta' fondi biex jappoġġaw l-attivitajiet.

### Investiment C1.2 I2: Skema ta' għajnuna għar-riabilitazzjoni tal-irziezet tal-ħnieżer

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jnaqqas fuq terminu qasir l-ammont ta' emissjonijiet tal-ammonijaka u l-inkonvenjent tal-irwejjaħ f'żoni fejn il-konċentrazzjoni tal-azjendi agrikoli tal-ħnieżer hija għolja kif ukoll id-depożizzjoni tan-nitroġenu fis-siti ta' Natura 2000. L-għotjiet għandhom jingħataw biex jappoġġaw lill-bdiewa tal-ħnieżer biex iwaqqfu b'mod permanenti u irrevokabbli l-azjendi agrikoli tal-ħnieżer tagħhom fuq bażi volontarja permezz ta':

- a) iċ-ċediment permanenti tad-drittijiet tagħhom li jrabbu l-ħnieżer; u
- b) l-obbligu tar-riċevituri tal-għotjiet li jwaqqgħu l-kapaċità tal-produzzjoni tagħhom, inklużi l-istalel, il-kantini tad-demel, is-sajlos tad-demel u s-sajlos tal-ġhalf.

Dawk li jrabbu l-ħnieżer għandhom jirċievu kumpens talli jċedu d-drittijiet tagħhom li jrabbu l-ħnieżer kif ukoll għat-telf tal-valur tal-assi produttivi. Billi jnaqqas il-popolazzjoni tal-ħnieżer fin-Netherlands b'mill-inqas 6 % fil-livell nazzjonali meta mqabbel mal-2019, l-investment għandu jnaqqas il-fastidju tal-irwejjaħ attribwibbli għad-demel tal-bhejjem u jnaqqas l-emissjonijiet tan-nitroġenu fis-siti ta' Natura 2000. Għandu jingħata kumpens għat-terminazzjoni ta' 275 farm tal-ħnieżer, li huwa stmat li jnaqqas l-emissjonijiet tal-ammonijaka b'madwar 900 000 kg meta mqabbel mal-2019.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2023.

**A.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investiment)	Stadju Ewlieni/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Q	Is-sena	
1	C1.1 R1–1 Riforma tat-tassazzjoni fuq l-enerġija	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' liġi li taġġusta t-tariffi tat-taxxa fuq l-enerġija	Dispożizzjoni fil-liġi li tipprevedi d-dħul fis-seħħ tagħha				L-EWWEL TRIMESTRU TAL-1	2024	<p>Dħul fis-seħħ ta' leġislazzjoni li għandha temenda t-tariffi tat-taxxa fuq l-enerġija kif ġej:</p> <p>a) L-ewwel tariffa faxxa fuq l-użu tal-gass għandha tiżdied u l-ewwel tariffa faxxa fuq l-użu tal-elettriku għandha titnaqqas. Ir-rata tal-ewwel tariffa faxxa fuq il-gass għandha tiżdied b'mill-inqas 2.5 ċenteżmi/m<sup>3</sup> f'termini reali fl-2024 meta mqabbla mal-2023 u din iż-żieda fir-rata għandha tiżdied għal mill-inqas 3.5 ċenteżmi/m<sup>3</sup> f'termini reali fl-2026. L-ewwel tariffa faxxa fuq l-elettriku għandha titnaqqas b'mill-inqas 2.5 ċenteżmi/kWh f'termini reali fl-2024 meta mqabbla mal-2023 u dan it-tnaqqis fir-rata għandu jiżdied għal mill-inqas 3.5 ċenteżmi/kWh f'termini reali fl-2026.</p> <p>b) It-tariffi fuq l-użu tal-elettriku fit-tieni u t-tielet faxex għandhom jitnaqqsu fl-2024 meta mqabbla mal-2023 f'termini reali.</p> <p>c) L-istruttura tat-tariffi tal-enerġija għandha ssir inqas digressiva billi jiżdiedu r-rati kemm fl-ogħla livelli ta' konsum tal-gass kif ukoll tal-elettriku.</p> <p>d) L-ammont annwali ta' somma f'daqqa tat-tnaqqis fit-taxxa fuq l-enerġija għall-konsumaturi tal-elettriku għandu jiġi stabbilit għal mill-inqas EUR 493 27 għal kull konnessjoni tal-elettriku fl-2023.</p>
2	C1.1 R1–2 Riforma tat-tassazzjoni fuq l-enerġija	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' liġi li taġġusta l-elementi strutturali tat-taxxi fuq l-enerġija	Dispożizzjoni fil-liġi li tipprevedi d-dħul fis-seħħ tagħha				L-EWWEL TRIMESTRU TAL-1	2025	<p>Dħul fis-seħħ ta' liġi li fiha l-emendi li ġejjin:</p> <p>a) L-introduzzjoni ta' prezz tas-CO2 li għandu jitħallas min-negożji tal-ortikultura b'effett ta' serra għall-emissjonijiet tas-CO2 tagħhom. Dan il-prezz tas-CO2 għandu jiġi stabbilit għal mill-inqas EUR 9.50 għal kull tunnellata ta' CO2 fl-2025</p>

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	Stadju Ewlieni/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-testija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Q	Is-sena	
										<p>u EUR 11.14 għal kull tunnellata ta' CO2 fl-2026.</p> <p>b) L-eżenzjoni mit-taxxa fuq l-enerġija għall-konsum tal-gass naturali f'installazzjonijiet għall-ġenerazzjoni tal-elettriku għandha tkun limitata għal mhux aktar minn 0.2808 Nm3 għal kull kWh ta' elettriku ġġenerat fl-2025, u għal mhux aktar minn 0.2635 Nm3 għal kull kWh ta' elettriku ġġenerat fl-2026. Il-liġi għandha tkompli tillimita l-eżenzjoni mit-taxxa fuq l-enerġija għall-konsum tal-gass naturali fis-snin 2027–2030 u tirrikjedi li fit-2 030 l-eżenzjoni tkun mhux aktar minn 0.1896 Nm3 għal kull kWh ta' elettriku ġġenerat.</p> <p>c) Ir-rata mnaqqa fit-taxxa fuq l-enerġija għall-konsum tal-gass naturali għall-użu tat-tisħin fl-ortikultura b'effett ta' serra għandha tkun limitata kif ġej:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>- fl-2025, għall-faxxa sa 170 000 m<sup>3</sup>, it-tariffa għandha tkun mill-inqas 23 % tat-tariffa regolari għall-gass naturali f'dik il-faxxa, kif stabbilit fl-Att dwar it-Taxxi Ambjentali (<i>Wet belasting milieugrondslag</i>), u għall-faxxa bejn 170 000 m<sup>3</sup> u 1 000 000 m<sup>3</sup>, it-tariffa għandha tkun mill-inqas 43 % tat-tariffa regolari għall-gass naturali f'dik il-faxxa;</li> <li>- fl-2026, għall-faxxa sa 170 000 m<sup>3</sup>, it-tariffa għandha tkun mill-inqas 30 % tat-tariffa regolari għall-gass naturali f'dik il-faxxa, kif stabbilit fl-Att dwar it-Taxxi Ambjentali (<i>Wet belasting milieugrondslag</i>) u għall-faxxa bejn 170 000 m<sup>3</sup> u 1 000 000 m<sup>3</sup>, it-tariffa għandha tkun mill-inqas 48 % tat-tariffa regolari għall-gass naturali f'dik il-faxxa.</li> </ul> <p>Il-liġi għandha tabolixxi r-rata mnaqqa sal-2035.</p>
3	C1.1 R2–1 Introduzzjoni u ssikkar tal-imposta tas-CO2 għall-industrija	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' liġi li tintroduċi l-imposta tas-CO2 industrijali	Dispożizzjoni fil-liġi li ttipprevedi d-dħul fis-seħħ tagħha				L-EWWEL TRIMESTRU TAL-1	2021	Dħul fis-seħħ ta' liġi li tistabbilixxi imposta nazzjonali tas-CO2 għall-industrija. L-imposta għandha taġixxi bħala prezz minimu, li jstabbilixxi prezz minimu għal tunnellata ta' CO2 emessa: jekk il-prezz tas-Sistema tal-Unjoni Ewropea għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) jaqa' taħt dan il-prezz minimu, id-differenza bejn il-prezz tal-ETS u l-prezz minimu għandha tiġi imposta bħala taxxa.

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	Stadju Ewlieni/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-testija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Q	Is-sena	
4	C1.1 R2–2 Introduzzjoni u ssikkar tal-imposta tas-CO2 għall-industrija	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' liġi li tissikka l-imposta industrijali tas-CO2	Dispożizzjoni fil-liġi li tipprevedi d-dħul fis-seħħ tagħha				L-EWWEL TRIMESTRU TAL-1	2023	Id-dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni li żżid l-imposta industrijali tas-CO2 minn EUR 30 għal kull tunnellata fl-2021 għal EUR 50.10 għal kull tunnellata fl-2023 u mbagħad gradwalment għal EUR 82.80 għal kull tunnellata fl-2026 kif ukoll id-dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni li tnaqqas gradwalment l-ammont ta' emissjonijiet tas-CO2 eżentati mill-imposta industrijali tas-CO2, li jirriżultaw f'ammont mistenni ta' 2.4 Mton inqas ta' emissjonijiet tas-CO2 eżentati fl-2026.
5	C1.1 R3–1 Żieda fit-Taxxa fuq l-Ivvjaġġar bl-Ajru (ATT)	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' liġi li żżid it-taxxa fuq l-ivvjaġġar bl-ajru għall-passiġġieri tal-ajru li jtilqu minn ajruport fin-Netherlands	Dispożizzjoni fil-liġi li tipprevedi d-dħul fis-seħħ tagħha				L-EWWEL TRIMESTRU TAL-1	2023	Dħul fis-seħħ ta' liġi li żżid it-taxxa fuq l-ivvjaġġar bl-ajru għall-passiġġieri li jtilqu minn ajruport fin-Netherlands. It-taxxa għandha tkun mill-inqas tliet darbiet ogħla mit-taxxa fl-2022 (EUR 7.94 għal kull tluq għal kull passiġġier fl-2022).
6	C1.1 R4–1 Riforma tat-tassazzjoni fuq il-vetturi	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' liġi li telimina gradwalment l-eżenzjoni mit-taxxa fuq ix-xiri ta' vetturi bil-mutur u muturi (BPM) għal vannijiet kummerċjali	Dispożizzjoni fil-liġi li tipprevedi d-dħul fis-seħħ tagħha				L-EWWEL TRIMESTRU TAL-1	2025	Id-dħul fis-seħħ tal-liġi li telimina gradwalment l-eżenzjoni mit-taxxa fuq ix-xiri ta' vetturi bil-mutur u muturi ("Belasting van Personenauto's en Motorrijwielen", BPM) għal vannijiet ta' intraprendituri li jaħdmu bil-fjuwils fossili kif definit fl-Artikolu 7 tal-Att dwar il-VAT (Wet op de omzetbelasting 1968).
7	C1.1 R4–2 Riforma tat-tassazzjoni fuq il-vetturi	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-liġi li tintroduċi imposta għat-trakkijiet, ibbażata fuq il-kilometraġġ	Dispożizzjoni f'Digriet Irjali li tipprevedi d-dħul fis-seħħ tal-liġi li tintroduċi imposta għat-trakkijiet, ibbażata fuq il-kilometraġġ				L-EWWEL TRIMESTRU TAT-2	2026	Id-dħul fis-seħħ tal-liġi li tintroduċi imposta għat-trakkijiet, ibbażata fuq il-kilometraġġ. Il-liġi għandha tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tat-tip ta' imposta, kif għandha tiġi strutturata r-rata u kif għandha tiġi ddeterminata r-reġistrazzjoni tal-kilometraġġ.

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	Stadju Ewlieni/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-lestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Q	Is-sena	
8	C1.1 R4–3 Riforma tat-tassazzjoni fuq il-vetturi	Stadju importanti	Pubblikazzjoni ta' programm ta' ribass tal-imposta fuq it-trakkijiet pluriennali	Pubblikazzjoni ta' programm ta' ribass tal-imposta fuq it-trakkijiet pluriennali				L-EWWEL TRIMESTRU TAT-2	2025	Il-pubblikazzjoni ta' programm ta' ribass tal-imposta fuq it-trakkijiet pluriennali, li jagħti dettalji dwar kif id-dħul mill-imposta fuq it-trakkijiet għandu jintuża biex jappoġġa l-innovazzjoni u s-sostenibbiltà fis-settur tat-trasport.
9	C1.1 R5–1 Il-liġi dwar l-enerġija	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-Liġi dwar l-Enerġija	Dispożizzjoni fil-liġi li tippredvi d-dħul fis-seħħ tagħha				L-EWWEL TRIMESTRU TAL-1	2025	Id-dħul fis-seħħ tal-Liġi dwar l-Enerġija li tintegra l-Liġi attwali dwar il-Gass u l-Liġi attwali dwar l-Elettriku f'qafas legali wieħed u li għandha l-karatteristiċi li ġejjin: a) ittejjeb is-sistema ta' ġbir, ħżin u skambju ta' data dwar il-gass u l-elettriku; b) tiġi riveduta l-bażi legali għall-intervent tal-gvern provinċjali jew ċentrali fi proġetti tal-infrastruttura tal-enerġija sabiex jiġu ottimizziati l-għoti tal-permessi u l-implimentazzjoni ta' Proġetti ta' Interess Nazzjonali — Energieprojecten van Nationale Belang (permezz tal-Iskema Nazzjonali ta' Koordinazzjoni — <i>Rijkscoördinatiereregeling, RCR</i> ) c) taġġorna l-qafas regolatorju tal-Operaturi tas-Sistemi ta' Trażmissjoni u tal-Operaturi tas-Sistemi ta' Distribuzzjoni; d) jirregolaw il-possibbiltajiet għall-utenti tal-elettriku biex isiru atturi attivi fis-suq tal-enerġija billi jippermettu (a) l-ikkuntrattar ta' diversi operaturi fuq konnessjoni waħda, (b) il-bejgħ tal-elettriku awtoġenerat, u (c) il-monetizzazzjoni tal-flessibbiltà tal-utenti finali fid-domanda reali permezz tal-aggregazzjoni; u e) ittejjeb il-protezzjoni tal-konsumaturi finali.
10	C1.1 I5 Skema ta' sussidju għall-vetturi elettriċi personali (SEPP)	Il-mira	Appoġġ mogħti għax-xiri jew il-kiri ta' vetturi elettriċi personali		0	105 000		L-EWWEL TRIMESTRU TAT-2	2026	Deċiżjonijiet ta' għoti ta' għotjiet maħruġa wara x-xiri jew il-lokazzjoni ta' total ta' 105 000 vettura personali elettrika.
11	C1.1 I6 AanZET	Il-mira	Granst ikkonfermat lil ATFER ix-xiri ta' trakkijiet b'emissjonijiet		0	551		L-EWWEL TRIMESTRU TAT-2	2026	Għandhom jiġu kkonfermati mill-inqas 551 għotja wara x-xiri ta' trakkijiet b'emissjonijiet żero kif muri minn att ta' konklużjoni (vaststelling).

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	Stadju Ewlieni/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Q	Is-sena	
			żero							
13	C1.1 II-4 Enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta	Stadju importanti	L-iżvilupp u l-implimentazzjoni tat-titjib tan-natura u l-protezzjoni tal-ispeċijiet	Kuntratti ffirmati jew ftehimiet ta' għotja għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tat-titjib tan-natura u l-protezzjoni tal-ispeċijiet				L-EWWEL TRIMESTRU TAL-4	2025	<p>Kuntratti u/jew ftehimiet ta' għotja ffirmati għall-iżvilupp ta' azzjonijiet ta' titjib tan-natura u ta' protezzjoni tal-ispeċijiet:</p> <p>a) mill-inqas sitt pjanijiet għall-protezzjoni tal-ispeċijiet jew pjanijiet għat-titjib tan-natura;</p> <p>b) mill-inqas erba' studji ta' riċerka ta' segwitu għal aktar titjib tal-pjanijiet għall-protezzjoni tal-ispeċijiet, u/jew tal-pjanijiet għat-titjib tan-natura, u għall-istabbiliment ta' mmappjar tal-linja bażi;</p> <p>c) mill-inqas tliet proġetti (pilota) għall-ittestjar ta' azzjonijiet identifikati fil-pjanijiet għall-protezzjoni tal-ispeċijiet, u/jew fil-pjanijiet għat-titjib tan-natura, u/jew fl-istudji ta' riċerka ta' segwitu.</p> <p>Kuntratti u/jew ftehimiet ta' għotja ffirmati għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ta' titjib tan-natura u ta' protezzjoni tal-ispeċijiet li ġejjin:</p> <p>a) mill-inqas żewġ santwarji tal-għasafar;</p> <p>b) mill-inqas ħames azzjonijiet fuq skala żgħira għall-protezzjoni tal-ispeċijiet;</p> <p>c) azzjonijiet ta' restawr tan-natura jew ta' titjib tan-natura f' mill-inqas tliet parks eoliċi lil hinn mill-kosta.</p>
14	C1.1 II-5 Enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta	Il-mira	Ekosistema tal-Baħar tat-Tramuntana — Proġetti li jikkontribwixxu għat-titjib u/jew ir-restawr tan-natura fiż-żoni tan-Natura 2000 u ż-żoni protetti tal-	Għadd ta' proġetti li għalihom ġew iffirmati kuntratti	0	4		L-EWWEL TRIMESTRU TAL-4	2025	<p>Kuntratti ffirmati għal mill-inqas erba' proġetti li jikkontribwixxu għat-titjib u/jew ir-restawr tan-natura f'żoni ta' Natura 2000, żoni madwar żoni ta' Natura 2000 u żoni protetti skont id-Direttiva 2008/56/KE li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina — MSFD). Dawn l-erba' proġetti għandhom jieħdu azzjonijiet li jindirizzaw wieħed jew aktar mill-għanijiet ta' konservazzjoni kif irrapportat fil-pjanijiet ta' ġestjoni ta' dawn iż-żoni protetti.</p>

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	Stadju Ewlieni/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Q	Is-sena	
			madwar skont id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (MSFD)							
15	C1.1 II-6 Enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta	Stadju importanti	Ekosistema tal-Baħar tat-Tramuntana — Programm Ekoloġiku għar-Riħ lil hinn mill-Kosta (WOZEP)	Pubblikazzjoni tar-rapporti ta' riċerka				L-EWWEL TRIMESTRU TAL-1	2026	Ir-rapporti ta' riċerka għandhom jiġu ppubblikati fuq: <ul style="list-style-type: none"> <li>a) il-ġbir tad-data u l-immudellar dwar l-effetti tal-iżvilupp tar-riħ lil hinn mill-kosta u tat-turbini tar-riħ fuq l-għasafar u l-friefet il-lejl;</li> <li>b) l-effetti tal-iżvilupp tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta fuq il-mammiferi tal-baħar;</li> <li>c) l-effetti tar-riħ lil hinn mill-kosta fuq l-ekosistema tal-Baħar tat-Tramuntana; u</li> <li>d) l-impatt kumulattiv tal-parks eoliċi ppjanati u eżistenti fuq l-ispeċijiet protetti.</li> </ul>
16	C1.1 II-7 Enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta	Il-mira	Ekosistema tal-Baħar tat-Tramuntana — Diġitalizzazzjoni tal-Istazzjonijiet ta' Monitoraġġ tal-Baħar tat-Tramuntana		Għadd ta' ċertifikati ta' tlestija għas-sensuri fl-istazzjonijiet ta' monitoraġġ	0	2	L-EWWEL TRIMESTRU TAL-1	2026	Ċertifikati ta' tlestija ffirmati għal sensuri fuq żewġ stazzjonijiet ta' monitoraġġ statiku.
17	C1.1 II-8 Enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta	Stadju importanti	Konnessjoni tal-enerġija lil hinn mill-kosta ma' siti ta' nżul fuq l-art — Ftehimiet ta' governanza għal pjanijiet ta' investment fiż-żona	Ftehimiet ta' governanza ffirmati				L-EWWEL TRIMESTRU TAT-2	2024	Għandhom jiġu ffirmati ftehimiet ta' governanza bejn il-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Politika Klimatika u kull wieħed mir-reġjuni b'siti ta' żbark tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta (mill-inqas Borssele, Maasvlakte, Noordzeekanaalgebied u Eemshaven). Dawn il-ftehimiet għandu jkun fihom mill-inqas: <ul style="list-style-type: none"> <li>a) Id-drittijiet u r-responsabbiltajiet tal-partijiet u tal-partijiet ikkonċernati involuti fis-sistema ta' governanza għall-ġestjoni tal-investimenti f'reġjuni b'siti ta' żbark tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta;</li> <li>b) L-ispeċifikazzjoni ta' liema infrastruttura hija meħtieġa għall-enerġija ekoloġika u l-konsegwenzi tagħha għal kull reġjun;</li> <li>c) L-ammont allokati lir-reġjun għal azzjonijiet biex jittaffew l-</li> </ul>

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	Stadju Ewlieni/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-testija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Q	Is-sena	
										impatti negattivi mill-ħatt l-art tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta fuq il-kwalità tal-ambjent tal-għajxien fir-reġjun; u d) It-tip ta' azzjonijiet ta' mitigazzjoni previsti.
18	C1.1 I1-9 Enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta	Stadju importanti	Konnessjoni tal-enerġija lil hinn mill-kosta ma' siti ta' nżul fuq l-art — Ftehimiet amministrattivi għal pjanijiet ta' investiment fiż-żona	Ftehimiet amministrattivi ffirmati				L-EWWEL TRIMESTRU TAL-1	2026	Għandhom jiġu ffirmati ftehimiet amministrattivi bejn il-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Politika Klimatika u kull wieħed mir-reġjuni b'siti ta' żbark tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta (mill-inqas Borssele, Maasvlakte, Noordzeekanaalgebied u Eemshaven). Dawn il-ftehimiet għandu jkun fihom pakketti ta' azzjonijiet li għandhom jiġu implimentati fir-reġjuni biex jittaffew l-impatti negattivi mill-ħatt l-art tar-riħ lil hinn mill-kosta fuq il-kwalità tal-ambjent tal-għajxien fiżiku u l-impenn ta' finanzjament korrispondenti. Il-ftehimiet amministrattivi għandhom jinkludu b'mod kollettiv mill-inqas l-azzjonijiet li ġejjin:  a) Protezzjoni akustika għal stazzjonijiet b'vultaġġ għoli b) Spazji ekoloġiċi u/jew rikreattivi, pereżempju foresti jew parks c) Titjib tal-infrastruttura tal-mobbiltà lokali, pereżempju mogħdijiet għaċ-ċikliżmu jew għall-mixi d) Ċentri ta' informazzjoni pubblika għat-tranżizzjoni tal-enerġija.  Mill-inqas EUR 200 000 000 għandhom jiġu impenjati mill-Ministeru tal-Politika dwar il-Klima u t-Tkabbir Ekoloġiku għall-azzjonijiet kollha meħuda flimkien.
19	C1.1 I1-10 Enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta	Stadju importanti	Konnessjoni tal-enerġija lil hinn mill-kosta ma' siti ta' żbark fuq l-art — Pakkett dwar l-Impulsi Ekoloġiċi tal-Baħar Wadden	Deċiżjoni (jiet) dwar il-Pakkett dwar l-Impulsi Ekoloġiċi tal-Baħar ta' Wadden adottata (i)				L-EWWEL TRIMESTRU TAT-3	2025	Id-Deċiżjoni (jiet) dwar il-Pakkett dwar l-Impulsi Ekoloġiċi tal-Baħar Wadden għandha/għandhom tiġi/jiġu adottata/adottati mill-Bord tal-Politika tar-Reġjun tal-Baħar Wadden, li jikkonsisti minn rappreżentanti minn gvernijiet nazzjonali u reġjonali. Il-pakkett dwar l-Impulsi Ekoloġiċi tal-Baħar Wadden għandu jkopri azzjonijiet li jappoġġaw:  a) L-implimentazzjoni tal-Faзи II tal-Pjan ta' Azzjoni dwar

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	Stadju Ewlieni/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Q	Is-sena	
										<p>l-Għasafar tat-Tnissil<sup>1</sup>;</p> <p>b) L-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Ġestjoni Integrali tal-Awtorità ta' Ġestjoni tal-Baħar ta' Wadden<sup>2</sup>, li jappoġġa l-bijodiversità taħt l-ilma, pereżempju l-irkupru tal-alka madwar strutturi ibsin magħmula mill-bniedem taħt l-ilma u x-xtut tal-maskli, il-monitoraġġ, it-tisħiħ tal-bwar salmastru u s-sorveljanza u l-infurzar;</p> <p>c) L-irkupru tan-natura f'żoni ta' konfluwenza tal-ilma baħar mal-ilma ħelu; u</p> <p>d) Riċerka dwar l-effetti kumulattivi tal-pessjonijiet tal-bniedem fil-Baħar Wadden u l-effetti ekoloġiċi tat-tibdil fil-klima.</p> <p>Id-Deċiżjoni (jiet) għandha/gandhom tinkludi/jinkludu wkoll l-impenn ta' finanzjament li jikkorrispondi għal dawn l-azzjonijiet.</p> <p>Mill-inqas EUR 17 000 000 għandhom jiġu impenjati mill-Ministeru tal-Agricoltura, is-Sajd, is-Sigurtà Alimentari u n-Natura għall-azzjonijiet kollha meħuda flimkien.</p>
20	C1.1 I1-11 Enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta	Stadju importanti	Konnessjoni tal-enerġija lil hinn mill-kosta ma' siti ta' nżul fuq l-art — Kumpens għas-salinizzazzjoni tal-art agrikola u l-mitigazzjoni tagħha	Deċiżjoni (jiet) tal-Bord ta' Politika tar-Reġjun ta' Wadden Sea adottata (i)				L-EWWEL TRIMESTRU TAT-3	2025	Il-Bord tal-Politika tar-Reġjun ta' Wadden Sea għandu jiddeċiedi dwar azzjonijiet għall-kumpens għas-salinizzazzjoni tal-art agrikola u l-mitigazzjoni tagħha. Mill-inqas EUR 4 875 000 għandhom jiġu impenjati mill-Ministeru tal-Politika dwar il-Klima u t-Tkabbir Ekoloġiku għall-azzjonijiet kollha meħuda flimkien.

<sup>1</sup> [https://rijkewaddenzee.nl/wp-content/uploads/2018/05/Actieplan-Broedvogels-Waddenzee-2018\\_DEF\\_MET\\_voorwoord.pdf](https://rijkewaddenzee.nl/wp-content/uploads/2018/05/Actieplan-Broedvogels-Waddenzee-2018_DEF_MET_voorwoord.pdf)

<sup>2</sup> <https://www.beheerautoriteitwaddenzee.nl/integraal-beheerplan/wat-is-het-integraal-beheerplan>

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	Stadju Ewlieni/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Q	Is-sena	
21	C1.1 I2-1 Enerġija ekoloġika tal-idroġenu	Stadju importanti	Pubblikazzjoni tal-aġenda tal-kapital uman biex tiżdied il-provvista tal-ħiliet fl-idroġenu ekoloġiku	Adozzjoni u publikazzjoni tal-Aġenda dwar il-Kapital Uman biex tiżdied il-provvista tal-ħiliet fl-idroġenu ekoloġiku				L-EWWEL TRIMESTRU TAT-3	2023	L-adozzjoni mill-gvern u l-pubblikazzjoni tal-aġenda tal-kapital uman biex tiżdied il-provvista tal-ħiliet fl-idroġenu ekoloġiku. Din l-aġenda għandha tistabbilixxi pjan ta' azzjoni biex jiġu stabbiliti mill-inqas 5 komunità ta' tagħlim reġjonali, materjal tal-kors u avvenimenti jew ċentri biex jiġu ffaċilitati l-iskambji bejn in-negozji u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni jew tar-riċerka.
22	C1.1 I2-2 Enerġija ekoloġika tal-idroġenu	Il-mira	Għotjiet mogħtija għal faċilitajiet ta' dimostrazzjoni għall-idroġenu ekoloġiku		Għadd ta' għotjiet mogħtija	0	2	L-EWWEL TRIMESTRU TAT-2	2025	Għotjiet mogħtija għall-kostruzzjoni ta' mill-inqas żewġ faċilitajiet ta' dimostrazzjoni għat-teknoloġiji tal-idroġenu ekoloġiku.
23	C1.1 I2-3 Enerġija ekoloġika tal-idroġenu	Il-mira	Għotjiet mogħtija għal proġetti ta' riċerka għall-idroġenu ekoloġiku		Għadd ta' għotjiet mogħtija	0	3	L-EWWEL TRIMESTRU TAT-2	2025	Għotjiet mogħtija għal mill-inqas tliet proġetti ta' riċerka li jiffukaw fuq il-produzzjoni, il-ħżin, it-trasport, jew l-użu tal-idroġenu ekoloġiku.
24	C1.1 I3-1 Tranżizzjoni tal-enerġija fil-passaġġi fuq l-ilma interni, proġett ZES	Il-mira	Sigħat ta' megawatt (MWh) ta' elettriku pprovdut minn kontenituri tal-enerġija skambjabbli		MWh	0	64	L-EWWEL TRIMESTRU TAT-2	2026	Għandhom jiġu installati u funzjonali kontenituri tal-enerġija skambjabbli adattati għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni b'kapaċità totali ta' mill-inqas 64 MWh.
25	C1.1 I3-2 Tranżizzjoni tal-enerġija fil-passaġġi fuq l-ilma interni, proġett ZES	Il-mira	Għadd ta' stazzjonijiet għad-dokkjar		Għadd ta' stazzjonijiet għad-dokkjar	0	8	L-EWWEL TRIMESTRU TAT-2	2026	Għandhom jiġu installati 8 stazzjon għad-dokkjar u dawn għandhom ikunu funzjonali. L-istazzjonijiet għad-dokkjar għandhom jintużaw biex jiċċarġjaw kontenituri tal-enerġija skambjabbli. Dawn l-istazzjonijiet għad-dokkjar għandhom ikunu mgħammra b'network ta' "aċċess miftuħ".
27	C1.1 I4-1 L-Avjazzjoni fi tranżizzjoni	Stadju importanti	Proġett ta' Idroġenu u Ottimizzazzjoni	Attestazzjoni mill-Kumitat tal-Fond Nazzjonali għat-Tkabbir				L-EWWEL TRIMESTRU TAL-4	2025	Il-Kumitat tal-Fond Nazzjonali għat-Tkabbir għandu jattesta li l-proġett tal-Ottimizzazzjoni u l-Ittestjar tal-Idroġenu (HOT) huwa lest għat-tieni fażi, wara l-ewwel fażi ta' riċerka u disinn.

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	Stadju Ewlieni/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Q	Is-sena	
28	C1.1 I4-2 L-Avjazzjoni fi tranżizzjoni	Stadju importanti	Proġett ta' Sistemi tal-Enerġija u tal-Ħżin tal-Inġenji tal-Ajru tal-Idroġenu	Attestazzjoni mill-Kumitat tal-Fond Nazzjonali għat-Tkabbir				L-EWWEL TRIMESTRU TAL-4	2025	Il-Kumitat tal-Fond Nazzjonali għat-Tkabbir għandu jattesta li l-proġett tas-Sistemi tal-Enerġija u tal-Ħżin tal-Inġenji tal-Ajru tal-Idroġenu (HAPSS) huwa lest għat-tieni fażi, wara l-ewwel fażi tar-riċerka u tad-disinn.
29	C1.1 I4-3 L-Avjazzjoni fi tranżizzjoni	Stadju importanti	Pjan direzzjonali teknoloġiku lejn avjazzjoni newtrali għall-klima	Pubblikazzjoni ta' pjan direzzjonali teknoloġiku lejn avjazzjoni newtrali għall-klima				L-EWWEL TRIMESTRU TAL-4	2025	Il-grupp ta' riflessjoni dwar l-avjazzjoni "Flying Vision" għandu jippubblika l-ewwel pjan direzzjonali teknoloġiku tiegħu lejn avjazzjoni newtrali għall-klima. Dan il-pjan direzzjonali għandu jiddefinixxi:  a) soluzzjonijiet potenzjali fit-tul għall-isfidi fir-rigward ta' titjir newtrali għall-klima; u b) ħtiġijiet ta' riċerka u teknoloġija fl-industrija kollha.
30	C1.2 II-1 Programm dwar in-natura	Il-mira	Azzjonijiet fiż-żoni tan-Natura 2000 u madwarhom għall-konservazzjoni u r-restawr tan-natura		Għadd ta' ettari affettwati	0	101 924	L-EWWEL TRIMESTRU TAT-2	2026	Il-pjanijiet ta' implimentazzjoni provinċjali li jiddeskrivu l-azzjonijiet fiż-żoni tan-Natura 2000 u madwarhom għandhom jiġu ppreżentati lill-gvern nazzjonali. Il-Gvern nazzjonali għandu japprova l-finanzjament għal azzjonijiet fil-pjanijiet ta' implimentazzjoni. L-azzjonijiet għandhom jinkludu, pereżempju:  a) il-konservazzjoni u r-restawr tan-natura; b) azzjonijiet idroloġiċi; c) l-akkwist u l-ottimizzazzjoni tat-tqassim taż-żoni tan-natura; d) miżuri f'żoni tranżizzjonali, inkluża l-konnessjoni bejn iż-żoni; e) azzjonijiet ta' afforestazzjoni biex jikkompensaw għat-telf tal-foresti f'żoni deżinjati.  Għandhom jittieħdu azzjonijiet li jaffettwaw 101 924 ettaru ta' natura. Azzjonijiet differenti fl-istess żona jistgħu jikkontribwixxu b' mod kumulattiv għall-għan ta' ettari ta' natura affettwati.
31	C1.2 II-2 Programm dwar in-natura	Il-mira	Restawr tan-natura minn organizzazzjonijiet tal-ġestjoni tal-art		Ammont (EUR)	0	49 410 000	L-EWWEL TRIMESTRU TAT-2	2026	Mill-inqas EUR 49 410 000 għandhom jiġu żborżati mill-gvern nazzjonali lill-organizzazzjonijiet tal-ġestjoni tal-art għal azzjonijiet ta' konservazzjoni u restawr tan-natura fiż-żoni tan-Natura 2000 u madwarhom.

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	Stadju Ewlieni/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Q	Is-sena	
32	C1.2 I1-3 Programm dwar in-natura	Stadju importanti	Proġetti dwar il-ġestjoni tal-ilma, l-ippjanar idroloġiku u ppjanar ieħor, u x-xifer tal-infrastruttura					L-EWWEL TRIMESTRU TAT-2	2026	Għandhom jiġu ppreżentati rapporti għal proġetti li jkopru mill-inqas tliet tipi ta' azzjonijiet:  a) Il-ġestjoni tal-ilma, pereżempju fuq il-pjanuri tal-ġharghar, issir aktar sostenibbli; b) It-teħid ta' azzjonijiet idroloġiċi u azzjonijiet oħra ta' ppjanar; c) Id-disinn mill-ġdid tal-infrastruttura jew ir-restawr u l-konservazzjoni tagħha fix-xifer.
33	C1.2 I1-4 Programm dwar in-natura	Il-mira	Azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-monitoraġġ u l-iżvilupp ta' bażi ta' għarfien għall-Programm dwar in-Natura		Ammont (EUR)	0	18 800 000	L-EWWEL TRIMESTRU TAT-2	2026	Mill-inqas EUR 18 800 000 għandhom jiġu impenjati mill-gvern nazzjonali biex jappoġġaw attivitajiet li jikkonċernaw prinċipalment l-iżvilupp tal-għarfien dwar ir-restawr tan-natura (inkluż it-titjib tan-Network tal-Għarfien għall-Irkupru u l-Ġestjoni tan-Natura, OBN), il-komunikazzjoni u l-ġestjoni tal-partijiet ikkonċernati, u l-aġġustament tal-monitoraġġ tan-natura eżistenti bil-ħsieb li jkunu jistgħu jsiru evalwazzjonijiet tal-azzjonijiet taħt dan l-investment, li jirriżultaw fi:  a) L-ewwel verżjoni mtejba tas-sistema ta' monitoraġġ tan-natura għandha titħaddem; b) Għandhom jiġu ppubblikati mill-inqas tliet rapporti għat-titjib tal-kwalità tan-natura f'habitats sensitivi għan-nitroġenu; u c) Għandha tiġi żviluppata strateġija ta' komunikazzjoni.
34	C1.2 I2-1 Skema ta' għajnuna għar-riabilitazzjoni tal-irziezet tal-ħnieżer	Il-mira	Għadd ta' siti tat-trobbija tal-ħnieżer itterminati		Għadd ta' siti tat-trobbija tal-ħnieżer itterminati	0	275	L-EWWEL TRIMESTRU TAT-2	2023	Għandu jingħata kumpens għat-terminazzjoni ta' 275 farm tal-ħnieżer, li għandu jnaqqas il-popolazzjoni tal-ħnieżer b'mill-inqas 6 % fil-livell nazzjonali meta mqabbel mal-2019. Bħala riżultat tal-għeluq tal-275 sit tat-tniissil tal-ħnieżer, l-emissjonijiet tal-ammonijaka huma stmati li jitnaqqsu b'madwar 900 000 kg meta mqabbla mal-2019.

## **B. IL-KOMPONENT 2: AT-TĦAFFIF TAT-TRASFORMAZZJONI DIĠITALI**

Dan il-komponent tal-pjan Netherlandiż għall-irkupru u r-reżiljenza għandu l-għan li jaċċellera t-tranżizzjoni diġitali tal-ekonomija Netherlandiża. Il-komponent jinkludi pakkett ta' disa' investimenti u riforma waħda bl-oġettivi li (i) jippromwovu l-iżvilupp ta' teknoloġiji innovattivi u ħiliet diġitali, (ii) jagħmlu l-mobbiltà valida għall-futur u (iii) jaċċelleraw id-diġitalizzazzjoni tal-gvern ċentrali Netherlandiż.

Il-komponent għandu l-għan li jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi indirizzati lin-Netherlands, b'mod partikolari biex l-investimenti jiġu ffukati fuq it-tranżizzjonijiet diġitali (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiżi 3 fl-2020) u biex jitnaqqsu l-konġestjonijiet fit-trasport (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiżi 3 fl-2019).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

### **B.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

#### Investiment C2.1 I1: Delta Kwantistika NL

L-oġettiv ta' dan l-investiment huwa li jaċċellera l-introduzzjoni ta' applikazzjonijiet tat-teknoloġija kwantistika, jattira u jżomm it-talent u jstimula l-istabbiliment ta' kumpaniji ġodda fil-qasam tat-teknoloġija kwantistika fin-Netherlands. L-investiment jikkonsisti fil-finalizzazzjoni tal-ewwel u t-tieni fażi tal-pjan ta' azzjoni ppubblikat minn Quantum Delta NL.

#### Investiment C2.1 I2: Komunitajiet ta' taġlim tal-IA meħtieġa u applikati

L-oġettiv ta' dan l-investiment huwa li jiżviluppa u jisfrutta l-potenzjal tal-intelliġenza artifiċjali (IA) għall-ekonomija u s-soċjetà Netherlandiżi. L-investiment jikkonsisti f'boroż ta' studju u għotjiet għar-riċerka fil-qasam tal-IA, il-ħolqien ta' laboratorji tar-riċerka u l-ħolqien ta' sitt Komunitajiet tal-Apprendiment dwar l-IA Applikata.

Il-RRF għandha tappoġġa parti mill-kostijiet tal-għotjiet għar-riċerka. L-għotjiet għar-riċerka jistgħu jirċievu wkoll appoġġ minn programmi jew strumenti oħra tal-Unjoni għall-kostijiet li mhumiex appoġġati mill-RRF.

#### Investiment C2.1 I3: Impuls tal-edukazzjoni diġitali

L-oġettiv ta' dan l-investiment huwa li jkompli jisfrutta l-opportunitajiet tad-diġitalizzazzjoni għall-edukazzjoni vokazzjonali u għolja u li jtejjeb il-ħiliet diġitali tal-istudenti u tal-għalliema.

L-investiment jikkonsisti fi:

- a) pjattaforma għall-kondiviżjoni ta' materjali ta' taġlim diġitali; u
- b) ċentri għat-taġlim u l-apprendiment li jistgħu joffru appoġġ lill-istudenti, lil-letturi u lir-riċerkaturi fir-rigward tal-materjal tal-apprendiment diġitali.

#### Investiment C2.1 I4: Loġistika tal-infrastruttura diġitali

L-oġettiv ta' dan l-investiment huwa li jaċċellera u jiffaċilita d-diġitalizzazzjoni tas-settur tal-loġistika.

L-investiment jikkonsisti fi:

- a) il-ħolqien ta' Infrastruttura ta' Data Bażika għan-Netherlands;
- b) il-ħolqien ta' pakkett ta' ħidma dwar it-tħejjija diġitali; u
- c) il-konnessjoni ta' mill-inqas erba' laboratorji ħajjin mal-Infrastruttura tad-Data Bażika.



## Investiment C2.2 I1: Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju

### (ERTMS)

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jikkontribwixxi għas-sostituzzjoni tas-sistema analoga eżistenti ta' protezzjoni tal-ferroviji bl-istandard diġitali Ewropew għall-protezzjoni u l-kontroll tal-ferroviji, is-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS). L-investiment jikkonsisti fil-ħolqien ta' studji tal-ippjanar għas-sezzjonijiet tal-ERTMS, l-installazzjoni ta' arbli GSM-Rail li kapaċi joperaw taħt is-sistema tal-ERTMS, l-adattament tas-sistemi loġistiċi u l-ħolqien tas-sistema Ċentrali tas-Sikurezza.

## Investiment C2.2 I2: Mobbiltà sikura, intelliġenti u sostenibbli

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jippromwovi t-tranżizzjoni lejn mobbiltà sikura, intelliġenti u sostenibbli billi jottimizza l-użu tan-networks tal-infrastruttura eżistenti. L-investiment jikkonsisti fl-installazzjoni ta' apparati intelliġenti għall-kontroll tat-traffiku, il-ħolqien ta' Infrastruttura Diġitali nazzjonali għal Mobbiltà Reżiljenti Futura (DITM), il-proġett ta' Servizzi ta' Priorità tas-Sikurezza u l-pjattaforma tal-Punt ta' Access Nazzjonali għad-Data dwar il-Mobbiltà (NTM).

## Investiment C2.2 I3: Stazzjonijiet intelliġenti mal-ġenb tat-triq (iWKS)

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li l-istazzjonijiet eżistenti mal-ġenb tat-triq (WKS) jiġu sostitwiti bi stazzjonijiet intelliġenti mal-ġenb tat-triq (iWKS) b'aktar funzjonalitajiet. L-investiment jikkonsisti fl-akkwist u l-installazzjoni ta' iWKS.

## Ir-riforma C2.3 R1: Ġestjoni tal-informazzjoni pubblika (l-Att dwar il-Gvern

### Miftuħ)

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li tirrevedi l-ġestjoni tal-informazzjoni mill-amministrazzjoni pubblika. Ir-riforma tikkonsisti fid-dħul fis-seħħ tal-Att dwar il-Gvern Miftuħ; l-obbligu għall-organizzazzjonijiet tal-gvern ċentrali u l-korpi u l-aġenziji amministrattivi awtonomi li jissottomettu pjanijiet ta' azzjoni u li jtellgħu mill-inqas 330 dokument fuq pjattaforma.

## Investiment C2.3 I1: Tiġdid tal-infrastruttura tal-IT fil-Ministeru tad-Difiża

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jippermetti lill-Ministeru tad-Difiża juża sistemi siguri. L-investiment jikkonsisti f'azzjonijiet ta' ċibersigurtà, bħal li jsir aċċessibbli network remot sigur għall-persunal ċivili tal-Ministeru għad-Difiża u l-modernizzazzjoni tan-network u l-migrazzjoni għal infrastruttura ġdida tal-IT.

## Investiment C2.3 I2: Id-diġitalizzazzjoni tal-katina tal-ġustizzja kriminali

Dan l-investiment għandu l-għan li jtejjeb l-effiċjenza tal-katina tal-ġustizzja kriminali billi jissostitwixxi l-burokrazija fil-proċessi eżistenti b'mezzi diġitali u billi jiżgura aċċess permanenti għall-informazzjoni rilevanti.

L-investiment għandu jipprovdi appoġġ finanzjarju għal:

- a) l-iżvilupp ta' portal li jippermetti liċ-ċittadini jwettqu atti fi proċedimenti kriminali, inkluż il-preżentazzjoni ta' rapporti; u
- b) it-titjib tas-sistemi eżistenti tat-teknoloġija tal-informazzjoni (IT) fil-katina tal-ġustizzja kriminali biex jippermettu t-trattament diġitali ta' kawżi kriminali fil-kategorija "Reati Frekwenti" mill-partijiet ikkonċernati (jiġifieri l-pulizija, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku u l-ġudikatura) fil-katina tal-ġustizzja kriminali; u biex il-partijiet ikkonċernati jingħataw aċċess għal materjal vidjo u awdjo relatat ma' każijiet fil-kategorija "Reati Frekwenti".

L-involvement tal-fergħa ġudizzjarja għandu jiġi żgurat għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' din il-miżura.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

**B.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	Stadju Ewlieni/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Q	Is-sena	
35	C2.1 I1-1 Delta Kwantistika NL	Stadju importanti	Stabbiliment tad-Delta Kwantistika NL	Appoġġ mogħti lil Quantum Delta NL u pubblikazzjoni i tal-pjan ta' azzjoni				L-EW WE L TRI ME STR U TAL -4	2021	Quantum Delta NL għandha tingħata appoġġ taħt il-Fond Nazzjonali għat-Tkabbir biex tistimula l-computing kwantistiku u n-networking, u tappoġġa r-riċerka u l-iżvilupp tal-ħiliet fil-qasam kwantistiku. Quantum Delta NL għandha tippubblika pjan ta' azzjoni dettaljat, mibni f'fażijiet.  Il-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) għandha tiġi żgurata permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.
36	C2.1 I1-2 Delta Kwantistika NL	Stadju importanti	Delta Kwantistika NL	Fażijiet 1 & 2 tal-pjan ta' azzjoni				L-EW WE L TRI ME STR U TAT -2	2026	Quantum Delta NL għandha tkun iffinalizzata l-ewwel żewġ fażijiet tal-pjan tagħha (eskluzja QCINed li hija ffinanzjata mid-DEP), kif ippreżentat lill-Fond Nazzjonali għat-Tkabbir. Għandha tiġi stabbilita faċilità ta' qabel iż-żrieragħ għan-negożji ġodda, għandu jiġi żvilupp network tar-R & Z Quantum NL, għandhom jingħataw boroż ta' studju tal-PhD fil-qasam tat-teknoloġija kwantistika u għandhom jitlestew l-investimenti fil-Kamra Nadifa ta' Nanolab.
37	C2.1 I2-1 Komunitajiet ta' taġlim tal-IA meħtieġa u applikati	Il-mira	Għoti ta' Għotjiet ta' Boroż ta' Studju		Numru	0	13	L-EW WE L TRI ME STR U TAL -1	2024	13 għandhom jingħataw għotjiet ta' fellowship għall-ħatra ta' kandidati għad-dottorat u riċerkaturi postdottorali fil-qasam tal-IA.
38	C2.1 I2-2 Komunitajiet ta' taġlim tal-IA meħtieġa u	Il-mira	Laboratorji ta' riċerka ELSA AI		Numru	0	4	L-EW WE L	2025	Mill-inqas erba' laboratorji ta' riċerka tal-IA dwar l-Aspetti Etiċi, Legali u Soċjetali (ELSA) għandhom ikunu qed joperaw kif muri mir-rapporti tal-attività.

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	Stadju Ewlieni/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Q	Is-sena	
	applikati							TRI ME STR U TAL -4		
39	C2.1 I2-3 Komunitajiet ta' tagħlim tal-IA meħtieġa u applikati	Il-mira	Għotjiet imħallsa għal proġetti ta' R & Ż		EUR	0	4 488 450	L- EW WE L TRI ME STR U TAL -4	2025	Mill-inqas EUR 4 488 450 għandhom jitħallsu lill-proġetti Newlife, A-IQ Ready, CLEVER u EdgeAI. Kwalunkwe ammont ipprovdut minn programmi jew strumenti oħra tal-Unjoni ma għandux jingħadd ma' dan l-ammont.
40	C2.1 I2-4 Komunitajiet ta' tagħlim tal-IA meħtieġa u applikati	Il-mira	Komunitajiet ta' Tagħlim dwar l-IA		Numru	0	6	L- EW WE L TRI ME STR U TAL -1	2026	Għandhom jinħolqu mill-inqas sitt Komunitajiet ta' Tagħlim dwar l-IA fil-forma ta' sħubijiet privati-pubbliċi taħt il-ħtieġa tal-IA.
41	C2.1 I3-1 Impuls tal-edukazzjoni diġitali	Stadju importanti	Pjattaforma biex jiġu aċċessati l-materjali ta' apprendiment diġitali maħluqa u s-soluzzjoni tal-identità diġitali għall-istudenti li qed jintużaw	Tinholq il-pjattaforma u tintuża s-soluzzjoni tal-identità diġitali għall-istudenti				L- EW WE L TRI ME STR U TAL -4	2025	Għandha tinholq pjattaforma għas-sejba, il-kondiviżjoni u l-użu mill-ġdid ta' materjal ta' apprendiment diġitali għall-edukazzjoni vokazzjonali (MBO), l-universitajiet tax-xjenzi applikati (HBO) u l-universitajiet tar-riċerka (WO). Il-pjattaforma għandha tkun disponibbli online u tipprovd i aċċess għal materjali ta' apprendiment diġitali.  Is-soluzzjoni tal-identità diġitali għall-istudenti f'MBO, HBO u WO għandha tkun qed tintuża u tippermetti l-identifikazzjoni tal-istudenti u l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-istudenti bejn l-istituzzjonijiet edukattivi.

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	Stadju Ewlieni/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Q	Is-sena	
42	C2.1 I3-2 Impuls tal-edukazzjoni diġitali	Il-mira	Ċentri għat-Tagħlim u t-Tagħlim stabbiliti		Numru	0	20	L- EW WE L TRI ME STR U TAL -4	2025	Għandhom jiġu sottomessi rapporti ta' progress biex juru li ġew stabbiliti 20 Ċentru għat-Tagħlim u t-Tagħlim (CTLs) fl-edukazzjoni vokazzjonali (MBO), universitajiet tax-xjenzi applikati (HBO) jew universitajiet tar-riċerka (WO).
43	C2.1 I4-1 Loġistika tal-infrastruttura diġitali	Il-mira	L-infrastruttura tad-Data Bażika maħluqa		Perċentwal	0	80	L- EW WE L TRI ME STR U TAL -4	2024	Għandha tinholq Infrastruttura ta' Data Bażika, li tinkludi mill-inqas 80 % taż-żewġ għodod ta' implimentazzjoni ewlenin (KIT) li ġejjin: KIT ta' Fiduċja u Avveniment Loġistiku KIT.
44a	C2.1 I4-2 Loġistika tal-infrastruttura diġitali	Stadju importanti	Pakkett ta' ħidma dwar it-tħejjija diġitali u l-laboratorji ħajjin	Pakkett ta' ħidma dwar it-tħejjija diġitali maħluq u l-laboratorji ħajjin konnessi				L- EW WE L TRI ME STR U TAT -2	2026	Għandu jinholq pakkett ta' ħidma dwar it-tħejjija diġitali għas-settur loġistiku Netherlandiż. Mill-inqas 4 laboratorju ħaj għandhom ikunu konnessi mal-Infrastruttura tad-Data Bażika.
46	C2.2 I1-1 Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS)	Stadju importanti	L-istudju tal-ippjanar tal-ERTMS Kijfhoek-tlesta l-fruntiera Belġjana	Id-disinn tat-Traffiku Ferrovjarju ffinalizzat				L- EW WE L TRI ME STR U TAL	2022	Id-disinn tat-Traffiku Ferrovjarju għandu jiġi ffinalizzat bħala parti mill-istudju tal-ippjanar fuq is-sezzjoni tal-binarji ferrovjarji bejn Kijfhoek u l-fruntiera Belġjana. Id-disinn tat-Traffiku Ferrovjarju għandu juri li l-aġġustamenti meħtieġa għall-ġestjoni tat-traffiku jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni u r-regolamenti rilevanti dwar is-sikurezza u l-interoperabbiltà ferrovjarja.

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	Stadju Ewlieni/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Q	Is-sena	
								-4		
47	C2.2 I1-2 Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovarju (ERTMS)	Stadju importanti	Tlesta l-istudju dwar l-ippjanar tal-ERTMS fin-Netherlands ta' Fuq	Iffinalizzat id-Disinn tas-Sistema Integrata Funzjonali u d-Disinn tat-Traffiku Ferrovarju				L- EW WE L TRI ME STR U TAL -1	2023	Għandu jiġi ffinalizzat Disinn Funzjonali Integrat tas-Sistema u Disinn tat-Traffiku Ferrovarju bħala parti mill-istudju tal-ippjanar dwar is-sezzjonijiet tal-binarji ferrovarji fit-Tramuntana tan-Netherlands. Id-disinn tat-Traffiku Ferrovarju għandu juri li l-aġġustamenti meħtieġa għall-ġestjoni tat-traffiku jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni u r-regolamenti rilevanti dwar is-sikurezza u l-interoperabbiltà ferrovarja u li tfassal id-Disinn ta' Sistema Integrata Funzjonali assoċjat.
48	C2.2 I1-3 Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovarju (ERTMS)	Il-mira	Għadd ta' arbli GSM-Rail li kapaċi joperaw taħt is-sistema ERTMS		Numru	0	130	L- EW WE L TRI ME STR U TAT -2	2026	130 stazzjonijiet bażi ta' riċetrazzmettitur (arbli GSM-Rail) għandhom ikunu kapaċi joperaw taħt is-sistema ERTMS.
49	C2.2 I1-4 Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovarju (ERTMS)	Stadju importanti	Sistemi loġistiċi adattati għall-ERTMS	Is-sistema loġistika tal-IT tista' tirċievi u tipproċessa informazzjoni tal-ERTMS/CSS				L- EW WE L TRI ME STR U TAT -2	2026	Kontroll imwettaq minn parti terza għandu jikkonferma li s-sistemi tal-Loġistika tal-IT jistgħu jirċievu u jipproċessaw l-informazzjoni korretta tal-ERTMS.

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	Stadju Ewlieni/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Q	Is-sena	
50	C2.2 I1–5 Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovarju (ERTMS)	Stadju importanti	Sistema Ċentrali ta' Sikurezza	Is-sistema Ċentrali tas-Sikurezza hija konformi				L- EW WE L TRI ME STR U TAT -2	2026	Is-sistema Ċentrali tas-Sikurezza (CSS) għandha tkun konformi mal-Ispeċifikazzjonijiet Tekniċi għall-Interoperabbiltà kif ikkonfermati minn ProRail
51	C2.2 I2–1 Mobbiltà sikura, intelliġenti u sostenibbli	Il-mira	Tagħmir intelliġenti għall-kontroll tat-traffiku		Numru	0	402	L- EW WE L TRI ME STR U TAT -2	2026	Mill-inqas 402 apparat ta' Kontroll Intelliġenti tat-Traffiku (Intelligente Verkeersregelinstallaties) għandhom ikunu konnessi mal-Pjattaforma Nazzjonali għall-Access għad-Data Urbana.
52	C2.2 I2–2 Mobbiltà sikura, intelliġenti u sostenibbli	Il-mira	Servizzi ta' Prijorità tas-Sikurezza		Perċentwal ta' kilometri misjuqa	7	12.5	L- EW WE L TRI ME STR U TAL -1	2025	Għal mill-inqas 12.5 minn kull 100 kilometru misjuq fin-Netherlands, l-utenti tat-triq għandhom ikunu jistgħu jirċievu Servizzi ta' Prijorità tas-Sikurezza pprovduti mill-manifatturi tal-karozzi jew mill-apparati tan-navigazzjoni. Dan għandu jirreferi għad-distanza misjuqa mill-utenti tat-triq fin-Netherlands bis-Servizzi ta' Prijorità tas-Sikurezza attivi waqt is-sewqan. Dan il-valur huwa ta' 7 % fl-2022.
53	C2.2 I2–3 Mobbiltà sikura, intelliġenti u sostenibbli	Il-mira	Infrastruttura Diġitali għal Mobbiltà Reżiljenti Futura (DITM)		EUR	0	29 700 000	L- EW WE L TRI ME STR U TAT	2026	Għandhom jiġu impenjati EUR 29 700 000 f'sussidji għall-innovazzjoni, u 90 % minnhom għandhom jitħallsu mill-gvern nazzjonali lill-konsorzju magħżul ta' kumpaniji għall-iżvilupp ta' Infrastruttura Diġitali għal Mobbiltà Reżiljenti Futura (DITM).

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	Stadju Ewlieni/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Q	Is-sena	
								-2		
54	C2.2 I2-4 Mobbiltà sikura, intelliġenti u sostenibbli	Il-mira	Settijiet ta' data disponibbli fuq il-Punt ta' Aċċess Nazzjonali għad-Data dwar il-Mobbiltà		Numru	0	20	L-EW WE L TRI ME STR U TAT -2	2026	Mill-inqas 20 sett ta' data għandhom jiġu ppubblikati online fuq il-pjattaforma tal-Punt ta' Aċċess għad-Data dwar il-Mobbiltà Nazzjonali.
55	C2.2 I3-1 Stazzjonijiet intelliġenti mal-ġenb tat-triq (iWKS)	Il-mira	Għadd ta' stazzjonijiet intelliġenti mal-ġenb tat-triq installati		Numru	0	152	L-EW WE L TRI ME STR U TAL -4	2023	Għandhom jiġu installati mill-inqas 152 Stazzjon Intelliġenti maġenb it-Triq, jiġifieri pożizzjonati fiżikament u operattivi.
56	C2.2 I3-2 Stazzjonijiet intelliġenti mal-ġenb tat-triq (iWKS)	Il-mira	Numru finali ta' stazzjonijiet intelliġenti addizzjonali mal-ġenb tat-triq		Numru	0	394	L-EW WE L TRI ME STR U TAT -2	2026	Għandhom jiġu installati jew jiffunzjonaw mill-inqas 394 Stazzjon Intelliġenti maġenb it-Triq għal installazzjoni futura.
58	C2.3 R1-1 Ġestjoni tal-informazzjoni pubblika (l-Att	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-Att dwar il-Gvern Miftuħ	Dispożizzjoni fil-liġi li tipprevedi d-dħul fis-seħħ				L-EW WE L	2022	L-att dwar il-Gvern Miftuħ għandu jidħol fis-seħħ. L-att għandu, fost l-oħrajn, jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza għall-Parlament, il-Kunsill għall-

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	Stadju Ewlieni/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Q	Is-sena	
	dwar il-Gvern Miftuħ)			tagħha				TRI ME STR U TAT -2		Ġudikatura, il-Kunsill tal-Istat, l-Uffiċċju Ġenerali tal-Awditjar u l-Ombudsman nazzjonali, jinkludi obbligu ta' divulgazzjoni attiva għall-istituzzjonijiet koperti minn dawn ir-rekwiżiti ta' trasparenza, iqassar il-perjodu ta' pproċessar għat-talbiet għal informazzjoni u jstabbilixxi bord konsultattiv dwar it-trasparenza. L-att għandu jiżgura li l-informazzjoni tas-settur pubbliku tkun tista' tiġi aċċessata faċilment b'mod diġitali miċ-ċittadini, mill-istampa u mill-media, mill-Membri tal-Parlament u mill-persunal tagħhom. L-obbligu li jiġu żvelati b'mod attiv kategoriji speċifiċi ta' informazzjoni (l-Artikolu 3.3 tal-Att dwar il-Gvern Miftuħ) jista' jidħol fis-seħħ f'fażijiet li xi drabi jiġu ddetminati minn Digriet Reġju.
59	C2.3 R1–2 Ġestjoni tal-informazzjoni pubblika (l-Att dwar il-Gvern Miftuħ)	Stadju importanti	Pubblikazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni aġġornati dwar it-titjib tal-ġestjoni tal-informazzjoni	Pubblikazzjoni ta' pjan ta' azzjoni aġġornati mill-organizzazzjonijiet tal-gvern ċentrali				L- EW WE L TRI ME STR U TAL -4	2022	L-organizzazzjonijiet tal-gvern ċentrali (12 Ministeri, inklużi l-korpi u l-aġenziji amministrattivi awtonomi tagħhom) għandhom jipubblikaw pjanijiet ta' azzjoni aġġornati biex itejbu l-aċċessibbiltà diġitali tas-sistemi ta' informazzjoni tagħhom. Il-pjanijiet ta' azzjoni aġġornati tal-Ministeri għandhom jindirizzaw t-8 prijoritajiet li ġejjin: 1. L-istabbiliment tas-sistema ta' governanza proprja rilevanti fil-livell tal-ministeri, il-korpi amministrattivi awtonomi u l-aġenziji. 2. It-twettiq tal-kejl bażi fuq is-sistema ta' informazzjoni tal-Ministeru. 3. L-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Kwalità jew funzjonijiet simili tas-sistema IV. 4. L-implimentazzjoni tad-Dokumenti Parlamentari mid-Dipartimenti Ewlenin. 5. Konnessjoni mal-Infommazzjoni Miftuħa dwar il-Gvern tal-Pjattaforma (PLOOI) mill-komponenti nazzjonali. 6. Implimentazzjoni tal-manwal għall-arkivjar tal-posta elettronika tal-gvern ċentrali. 7. L-implimentazzjoni tal-linja ta' politika tal-apps tal-messaġġi. 8. L-implimentazzjoni tal-arkivjar tal-web f'konformità

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	Stadju Ewlieni/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Q	Is-sena	
										mal-kuntratt qafas rilevanti.
60	C2.3 R1–3 Ġestjoni tal-informazzjoni pubblika (1-Att dwar il-Gvern Miftuħ)	Stadju importanti	Pjattaforma tal-Att dwar il-Gvern Miftuħ	Pjattaforma aċċessibbli				L- EW WE L TRI ME STR U TAT -2	2026	Pjattaforma tal-Att dwar il-Gvern Miftuħ għandha tkun aċċessibbli u jkun fiha mill-inqas 330 000 dokument li jappartjenu għal mill-inqas 4 mis-17 kategorija ta' informazzjoni elenkati fl-Artikolu 3.3 tal-Att dwar il-Gvern Miftuħ.
61	C2.3 I1–1 Tiġdid tal-infrastruttura tal-IT fil-Ministeru tad-Difiża	Stadju importanti	Azzjonijiet ta' ċibersigurtà implimentati	Azzjonijiet ta' ċibersigurtà implimentati				L- EW WE L TRI ME STR U TAL -1	2024	L-azzjonijiet ta' ċibersigurtà li ġejjin għandhom jiġu implimentati mill-Ministeru tad-Difiża: <ul style="list-style-type: none"> <li>- It-tiswira tal-kapaċitajiet ta' difiża u ta' monitoraġġ ta' Ċentru tal-Operazzjonijiet tas-Sigurtà;</li> <li>- Titjib fis-sistema ta' ġestjoni tal-identifikazzjoni u tal-aċċess biex jiġi pprovdut ambjent aktar sikur għall-kollaborazzjoni ma' partijiet terzi;</li> <li>- L-implimentazzjoni ta' soluzzjoni għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata baxxa (LGI) u informazzjoni klassifikata għolja (HGI); u</li> <li>- L-implimentazzjoni ta' soluzzjoni għall-kontroll tal-aċċess diġitali għaċ-ċentri tad-data.</li> </ul>
62	C2.3 I1–2 Tiġdid tal-infrastruttura tal-IT fil-Ministeru tad-Difiża	Stadju importanti	Persunal ċivili tal-Ministeru għad-Difiża li jaħdem mill-bogħod permezz ta' network sigur	Network sigur huwa aċċessibbli mill-persunal ċivili tal-Ministeru tad-Difiża				L- EW WE L TRI ME STR U TAL -4	2024	Network remot sigur għandu jkun aċċessibbli għall-persunal ċivili tal-Ministeru tad-Difiża inkluż: a) mezz ta' komunikazzjoni (vuċi, vidjo u chat); b) postijiet tax-xogħol virtwali wiċċ imb wiċċ; c) spazji kollaborattivi uniformi; u d) applikazzjonijiet bażiċi (inkluż l-i-proċessar ta' preżentazzjonijiet, spreadsheets, internet tan-negozju u faċilitajiet tal-istampar).

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	Stadju Ewlieni/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Q	Is-sena	
63	C2.3 I1–3 Tiġdid tal-infrastruttura tal-IT fil-Ministeru tad-Difiża	Stadju importanti	Networks modernizzati u migrazzjoni għal infrastruttura ġdida tal-IT	Il-modernizzazzjoni tan-network u l-migrazzjoni għal infrastruttura ġdida tal-IT				L-EW WE L TRI ME STR U TAT -3	2025	Iċ-Ċentru tad-data tal-Ministeru tad-Difiża għandu jiġi pprovdut b'taġmir tan-network ġdid. Applikazzjoni back-end għandha tiġi migrata lejn infrastruttura ġdida taċ-ċentru tad-data u pjattaformi ospitanti.
64	C2.3 I1–4 Tiġdid tal-infrastruttura tal-IT fil-Ministeru tad-Difiża	Stadju importanti	Persunal ċivili tal-Ministeru tad-Difiża b'aċċess għal faċilitajiet addizzjonali ta' xogħol mill-bogħod	Ċentru ta' kuntatt imġedded aċċessibbli għall-persunal ċivili tal-Ministeru tad-Difiża				L-EW WE L TRI ME STR U TAL -1	2026	Ċentru ta' kuntatt imġedded għandu jkun aċċessibbli mill-persunal ċivili tal-Ministeru tad-Difiża.
65	C2.3 I2–1 Id-diġitalizzazzjoni tal-katina tal-ġustizzja kriminali	Stadju importanti	Portal diġitali għall-komunikazzjoni formali fi proċedimenti kriminali operazzjonali	Portal diġitali operazzjonali				L-EW WE L TRI ME STR U TAL -1	2023	Portal diġitali għall-komunikazzjoni diġitali għandu jkun operazzjonali u aċċessibbli għaċ-ċittadini, filwaqt li jipprovdi l-kundizzjonijiet biex il-komunikazzjoni formali dwar il-proċedimenti kriminali mal-vittmi, l-avukati u t-trasgressuri (inkluż il-preżentazzjoni ta' rapporti) issir b'mod diġitali.
66	C2.3 I2–2 Id-diġitalizzazzjoni tal-katina tal-ġustizzja kriminali	Stadju importanti	Ipproċessar diġitali ta' każijiet ta' kriminalità frekwenti operazzjonali	Ipproċessar diġitali ta' każijiet ta' kriminalità frekwenti operazzjonali				L-EW WE L TRI ME STR U TAL	2023	Għandu jkun possibbli li l-kawżi kriminali kollha fil-kategorija "Reati Frekwenti" (veel voorkomende criminaliteit, VVC) jiġu pproċessati b'mod diġitali. Ir-rapporti tal-pulizija (proċess-verbaal) għandhom jinbdeu b'mod diġitali u d-deċizzjonijiet dwar kawżi kriminali għandhom jinħolqu u jiġu pproċessati b'mod diġitali. L-evidenza fil-forma ta' materjal vidjo u awdjo dwar kawżi kriminali fil-kategorija "Kriminalità Frekwenti" (VVC)

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	Stadju Ewlieni/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Q	Is-sena	
								-4		għandha ssir aċċessibbli b' mod diġitali għall-pulizija, għall-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku u għall-ġudikatura.

### **C. IL-KOMPONENT 3: NAGHTIPROVA TAS-SUQ TAD-DJAR U NAGĦMEL IL-PROPRJETÀ IMMOBBLI AKTAR EFFIĊJENTI FL-UŻU TAL-ENERĠIJA**

Dan il-komponent tal-pjan Netherlandiż għall-irkupru u r-reżiljenza għandu l-għan li jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-isfidi li qed jiffaċċja s-suq tal-akkomodazzjoni Netherlandiż. Dan jikkonsisti f'ħames riformi u tliet investimenti ddedikati għal (i) it-tneħħija ta' karatteristiċi tas-sistema tat-taxxa Netherlandiża li jiffavorixxu ċerti tipi ta' sjieda ta' proprjetà residenzjali fuq oħrajn, (ii) l-aċċellerazzjoni u l-ftuħ tal-attività tal-kostruzzjoni fin-Netherlands u (iii) it-titjib tal-effiċjenza enerġetika kemm fil-proprjetà immobbli privata kif ukoll f'dik pubblika permezz ta' sussidji għar-rinnovazzjoni. Il-miżuri f'dan il-komponent għandhom l-għan li jnaqqsu l-inugwaljanza fis-suq tal-akkomodazzjoni billi jneħħu d-distorsjonijiet tat-taxxa filwaqt li jżidu l-provvista ta' akkomodazzjoni (affordabbli) permezz ta' ppjanar ċentralizzat ta' provvista ġdida ta' akkomodazzjoni, it-tneħħija ta' konġestjonijiet fil-proċess tal-ippjanar għall-kostruzzjoni u billi jipprovdu investimenti pubbliċi biex jiġu sfruttati proġetti ta' kostruzzjoni residenzjali. Għandha wkoll l-għan li tagħmel il-kera soċjali aktar dipendenti fuq l-introjtu billi tippermetti żidiet ogħla fil-kera għall-inkwilini bi dħul ogħla. L-investimenti fit-tieni subparti tal-komponent għandhom l-għan li jtejbu l-effiċjenza enerġetika fil-bini pubbliku u privat, inklużi interventi bħall-installazzjoni ta' pompi tas-sħana u bojlers solari kif ukoll it-titjib tal-iżolament tal-abitazzjonijiet.

Il-komponent għandu l-għan li jikkontribwixxi għar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż indirizzati lin-Netherlands, b'mod partikolari biex jitnaqqas il-preġudizzju favur id-dejn għall-unitajiet domestiċi u d-distorsjonijiet fis-suq tad-djar, inkluż billi jiġi appoġġat l-iżvilupp tas-settur tal-kiri privat, u tittieħed azzjoni biex tiżdied il-provvista tad-djar (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 fl-2019, ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 fl-2022) u biex "titnaqqas id-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili billi (...) tittejjeb l-effiċjenza enerġetika, b'mod partikolari fil-bini" (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4 fl-2022) u biex "il-politika ekonomika relatata mal-investment tiġi ffukata fuq (...) l-effiċjenza enerġetika u l-istrateġiji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra (...)" (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 fl-2019).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

#### **C.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

##### **Ir-riforma C3.1 R1: Żieda fil-proporzjon tal-valur tal-pussess vakanti**

Din ir-riforma għandha żżid il-proporzjon tal-valur tal-pussess vakanti (leegwaarderatio) fis-sistema tat-taxxa Netherlandiża. It-tassazzjoni attwali tal-assi privati tassumi li l-valur tal-valutazzjoni tal-proprjetà immobbli li mhijiex okkupata mis-sid jissopravaluta l-valur reali tal-proprjetà. Għalhekk, il-valur tal-proprjetà mikrija huwa kkoreġut mill-proporzjon tal-valur tal-pussess vakanti, li effettivament jintroduċi skont tat-taxxa għas-sidien ta' proprjetà mixtrija għall-kiri. L-għan li jiżdied il-proporzjon huwa li t-tassazzjoni tal-proprjetà għall-kiri tiġi allinjata aħjar mal-valur ekonomiku reali li tirrappreżenta għas-sidien tal-proprjetà, u b'hekk jitnaqqsu d-distorsjonijiet fis-suq tad-djar.

Għal proprjetajiet tal-kiri b'kera annwali li taqbeż 15 % tal-valur tal-valutazzjoni tal-proprjetà kif iddeterminat mill-muniċipalitá rilevanti (jiġifieri l-Waardering Onroerende Zaken (WOZ)) u għal proprjetajiet mikrija lil partijiet relatati, il-proporzjon għandu jiżdied għal 100 %, li effettivament jelimina l-iskont tat-taxxa. Għal proprjetajiet tal-kiri b'kera annwali ta' 5 % jew inqas tal-valur tal-valutazzjoni, il-proporzjon għandu jiżdied b'mill-inqas 25 punti perċentwali meta mqabbel mal-

proporzjon applikabbli fl-2022. Il-valur tal-pussess vakanti ma għandux japplika għal proprjetajiet tal-kiri b'kuntratt ta' kiri temporanju, li effettivament jelimina l-iskont tat-taxxa f'dawn il-każijiet.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2023.

#### Ir-riforma C3.1 R2: It-tneħħija gradwali tal-eżenzjoni mit-taxxa ta' rigali biex jiġi ffinanzjat ix-xiri mid-djar

Din ir-riforma għandha tabolixxi, f'żewġ stadji, l-eżenzjoni mit-taxxa għal rigali biex jiġi ffinanzjat ix-xiri mid-dar għaż-żgħażaġh. Fl-2022, kull min għandu bejn 18 u 40 sena huwa intitolat għal eżenzjoni mit-taxxa ta' darba għar-riċeviment ta' rigali sa EUR 106 671 jekk l-ammont mogħti jintuża għax-xiri tal-ewwel dar (okkupata mis-sid) tal-individwu. Mill-1 ta' Jannar 2023, l-eżenzjoni mit-taxxa għandha titnaqqas b'mill-inqas 70 % meta mqabbla mal-eżenzjoni fl-2022. Għandha tiġi abolita mill-1 ta' Jannar 2024. Ir-riforma għandha l-għan li tnaqqas kemm id-distorzjonijiet kif ukoll l-inugwaljanza fis-suq tal-akkomodazzjoni.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2024. Ir-

#### riforma C3.1 R3: Ippjanar ċentralizzat biex tiżdied il-provvista tal-akkomodazzjoni

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li tiżdied il-provvista tal-akkomodazzjoni. Ir-riforma tikkonsisti fl-istabbiliment tal-għadd ta' abitazzjonijiet li għandhom jinbnew jew jiġu kkonvertiti minn użi oħra f'kull provinċja u fl-istabbiliment ta' sistema ta' monitoraġġ.

#### Ir-riforma C3.1 R4: Żieda fid-dipendenza fuq l-introjtu mill-kera

Din ir-riforma għandha żżid l-ammont li bih il-kirjiet għal kerrejja ta' akkomodazzjoni soċjali b'introjtu medju sa għoli jistgħu jżiedu kull sena. Iż-żieda massima l-ġdida tal-kera ta' kull xahar għandha tkun ta' EUR 50 għall-inkwilini b'introjtu medju u ta' EUR 100 għall-inkwilini b'introjtu għoli mill-1 ta' Jannar 2022. Din ir-riforma għandha l-għan li tallinja aħjar il-kirjiet mal-introjtu ta' inkwilin u tippermetti provvista aktar immirata ta' akkomodazzjoni affordabbli lill-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx, filwaqt li tgħin ukoll lill-korporazzjonijiet tal-akkomodazzjoni jżidu l-investimenti fi proprjetajiet ġodda tal-kiri.

L-implimentazzjoni tar-riforma kellha titlesta sal-31 ta' Marzu 2022. Ir-

#### riforma C3.1 R5: L-aċċellerazzjoni tal-proċess u l-proċeduri tal-kostruzzjoni residenzjali

Din ir-riforma għandha l-għan li tneħħi l-ostakli fil-proċedura tal-ippjanar u tal-permessi għall-proċessi tal-kostruzzjoni fin-Netherlands. Bħala l-ewwel pass, il-ministeru rilevanti għandu jistabbilixxi pjan ta' azzjoni fil-forma ta' ittra lill-Parlament. Il-pjan ta' azzjoni għandu jinkludi lista ta' azzjonijiet biex jiġu aċċellerati l-proċeduri tal-ippjanar u tal-permessi u skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħhom. Bħala t-tieni pass, għandu jitwettaq sett sostanzjali tal-azzjonijiet identifikati. Dan għandu jinkludi mill-inqas i) azzjonijiet biex jittejjeb l-għarfien tal-muniċipalitajiet u tal-kumpaniji tal-kostruzzjoni dwar il-proċeduri tal-ippjanar, ii) l-istabbiliment ta' tim ta' esperti li jista' jgħin lill-muniċipalitajiet u lill-korporazzjonijiet tal-akkomodazzjoni biex iħaffu l-proċeduri meħtieġa għat-twettiq ta' abitazzjonijiet ġodda u iii) l-istabbiliment ta' tim nazzjonali li jista' jassisti lill-muniċipalitajiet fl-indirizzar tal-konġestjonijiet fil-proċeduri tal-ippjanar, iv) it-tnedija ta' sistema għall-monitoraġġ tal-progress fit-tħaffif tal-proċeduri.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2024.

#### Investiment C3.1 I1: Il-ftuħ ta' proġetti ġodda ta' kostruzzjoni

L-objettiv ta' dan l-investment huwa li jipprovdi l-mezzi lill-muniċipalitajiet biex iwettqu l-investimenti meħtieġa biex jiffaċilitaw il-konstruzzjoni residenzjali. L-investment jikkonsisti f'appoġġ finanzjarju permezz ta' skema ta' sussidju lill-muniċipalitajiet.

Investiment C3.2 I1: Skema ta' sussidju għas-sostenibbiltà tal-proprjetà immobbli

tas-settur pubbliku

L-objettiv ta' dan l-investment huwa li jtejjeb l-effiċjenza enerġetika u jnaqqas l-emissjonijiet tas-CO2 tal-proprjetà immobbli pubblika. L-investment jikkonsisti f'appoġġ finanzjarju għat-tlestija ta' rinnovazzjonijiet jew interventi ta' effiċjenza enerġetika.

Investiment C3.2 I2: Sussidju għall-investiment għall-enerġija sostenibbli u l-iffrankar tal-enerġija

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jtejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-abitazzjonijiet. L-investiment jikkonsisti fl-għoti ta' sussidji lill-unitajiet domestiċi għall-interventi tal-iffrankar tal-enerġija.

**C.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

Numru sekwenzjali	Miżura (Riforma jew Investment)	Stadju Ewlieni/Mi ra	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Q	Is-sena	
67	C3.1 R1–1 Żieda fil-proporzjon tal-valur tal-pussess vakanti	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni li żżid il-proporzjon tal-valur tal-pussess vakanti	Dispożizzjoni fil-leġiżlazzjoni li tipprevedi d-dħul fis-seħħ tagħha				L- EW WE L TRI ME STR U TAL -1	2023	Dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni li żżid il-proporzjon tal-valur tal-pussess vakanti. Il-proporzjon għandu jidded għal 100 % għall-proprjetajiet tal-kiri b'kera annwali li taqbeż 15 % tal-valur tal-valutazzjoni tal-proprjetà kif iddeterminat mill-municipalitá rilevanti (jiġifieri l-Waardering <i>Onroerende Zaken (WOZ)</i> ) u għall-proprjetajiet mikrija lil partijiet relatati. Għal proprjetajiet tal-kiri b'kera annwali ta' 5 % jew inqas tal-valur tal-valutazzjoni, il-proporzjon għandu jidded b'mill-inqas 25 punti perċentwali meta mqabbel mal-proporzjon applikabbli fl-2022. Il-valur tal-pussess vakanti ma għandux japplika għal proprjetajiet tal-kiri b'kuntratt ta' kiri temporanju.
68	C3.1 R2–1 It-tneħħija gradwali tal-eżenzjoni mit-taxxa għal rigali biex jiġi ffinanzjat ix-xiri mid-djar	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni li telimina gradwalment l-eżenzjoni mit-taxxa għal rigali biex jiġi ffinanzjat ix-xiri mid-djar f'żewġ stadji	Dispożizzjoni fil-leġiżlazzjoni li tipprevedi d-dħul fis-seħħ tagħha				L- EW WE L TRI ME STR U TAL -1	2024	Id-dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni li għandha tinkludi ż-żewġ passi li ġejjin għat-tneħħija gradwali tal-eżenzjoni mit-taxxa għal rigali biex jiġi ffinanzjat ix-xiri mid-djar: (1) mill-1 ta' Jannar 2023, tnaqqis fl-eżenzjoni massima mit-taxxa għal rigali biex jiġi ffinanzjat ix-xiri mid-djar b'mill-inqas 70 % meta mqabbel mal-eżenzjoni massima mit-taxxa tal-2022 (2) it-tneħħija tal-eżenzjoni mit-taxxa mill-1 ta' Jannar 2024.
69	C3.1 R3–1 Ippjanar ċentralizzat biex tiżdied il-provvista tal-akkomodazzjoni	Stadju importanti	Ftehimiet bejn il-gvern nazzjonali u l-provinċji dwar ir-realizzazzjoni ta' 900 000 abitazzjoni ġdida	Iffirmar ta' ftehimiet bejn il-gvern nazzjonali u l-provinċji				L- EW WE L TRI ME STR U	2022	L-iffirmar ta' ftehimiet bejn il-gvern nazzjonali u l-provinċji dwar l-għadd ta' abitazzjonijiet ġodda li għandhom jitwettqu sal-2030, inkluż permezz tat-trasformazzjoni. Il-ftehimiet għandhom jistabbilixxu l-għadd ta' abitazzjonijiet ġodda li għandhom jinbnew għal kull provinċja u l-għadd ta' daww l-abitazzjonijiet ġodda li għandhom ikunu affordabbli.

								TAL-4	<p>Is-somma tal-għadd ta' abitazzjonijiet ġodda fil-provinċji għandha tammonta għal minimu ta' 900 000 abitazzjoni, li minnhom mill-inqas 600 000 għandhom ikunu abitazzjonijiet affordabbli.</p> <p>Akkomodazzjoni affordabbli għandha tiġi definita bħala (a) akkomodazzjoni soċjali għall-kiri, (b) abitazzjonijiet mikrija sa ċerta kera massima, stabbilita għal EUR 1 000 fix-xahar fl-2022, u (c) abitazzjonijiet okkupati mis-sid bi prezz aktar baxx minn jew ugwali għall-prezz massimu tax-xiri ta' dar li għaliha l-Garanzija Ipotekarja Nazzjonali (NHG) tiggarantixxi l-ipoteka. Il-kera massima msemmija taħt (b) tista' tiġi aġġustata fis-snin sussegwenti jekk dan ikun iġġustifikat minn żviluppi politiċi u ekonomiċi bħal żviluppi fil-prezzijiet jew fl-introjtu. Kwalunkwe aġġustament, b'mod partikolari dawk li jmorru lil hinn mill-indiċjar għall-iżviluppi fil-prezzijiet u fl-introjtu, għandu jkun debitament ġustifikat.</p>	
70	C3.1 R3-2 Ippjanar ċentralizzat biex tiżdied il-provvista tal-akkomodazzjoni	Stadju importanti	Ftehimiet bejn il-provinċji u l-muniċipalitajiet dwar ir-realizzazzjoni ta' 900 000 abitazzjoni għida	L-iffirmar ta' ftehimiet bejn il-provinċji u l-muniċipalitajiet				L-EWWE L TRI ME STR U TAT -2	2023	<p>L-iffirmar ta' ftehimiet bejn il-provinċji u l-muniċipalitajiet dwar l-għadd speċifiku għall-muniċipalità ta' abitazzjonijiet ġodda li għandhom jitwettqu biex tinkiseb ir-realizzazzjoni ta' 900 000 abitazzjoni għida fil-livell nazzjonali, inkluż permezz ta' trasformazzjoni, sal-2030, li minnhom mill-inqas 600 000 għandhom ikunu affordabbli. Dawn il-ftehimiet għandhom jinkludu mill-inqas l-elementi li ġejjin:</p> <p>(1) miri għall-għadd speċifiku għall-muniċipalità ta' abitazzjonijiet li għandhom jitwettqu, li jindikaw separatament l-għadd ta' abitazzjonijiet affordabbli,</p> <p>(2) dispożizzjoni li tispjega r-riżorsi u l-istrumenti tal-Istat li għandhom jintużaw, u</p> <p>(3) skeda ta' żmien għat-twettiq tal-abitazzjonijiet il-ġodda.</p> <p>Akkomodazzjoni affordabbli għandha tiġi definita bħala (a) akkomodazzjoni soċjali għall-kiri, (b) abitazzjonijiet mikrija sa ċerta kera massima, stabbilita għal EUR 1 000 fix-xahar fl-2022, u (c) abitazzjonijiet okkupati mis-sid bi</p>

										prezz aktar baxx minn jew ugwali għall-prezz massimu tax-xiri ta' dar li għaliha l-Garanzija Ipotekarja Nazzjonali (NHG) tiggarantixxi l-ipoteka. Il-kera massima msemmija taħt (b) tista' tiġi aġġustata fis-snin sussegwenti jekk dan ikun iġġustifikat minn żviluppi politiċi u ekonomiċi bħal żviluppi fil-prezzijiet jew fl-introjtu. Kwalunkwe aġġustament, b'mod partikolari dawk li jmorru lil hinn mill-indiċjar għall-iżviluppi fil-prezzijiet u fl-introjtu, għandu jkun debitament ġustifikat.
71	C3.1 R3-3 Ippjanar ċentralizzat biex tiżdied il-provvista tal-akkomodazzjoni	Stadju importanti	Immedija sistema ta' monitoraġġ għall-implimentazzjoni tal-ftehimiet mal-muniċipalitajiet	Tnedija ta' sistema ta' monitoraġġ				L- EW WE L TRI ME STR U TAT -3	2023	Għandha tiġi stabbilita sistema ta' monitoraġġ biex timmonitorja l-progress fl-implimentazzjoni tal-ftehimiet iffirmati bejn il-provinċji u l-muniċipalitajiet, jiġifieri biex timmonitorja l-progress fir-realizzazzjoni ta' abitazzjonijiet ġodda.
72	C3.1 R3-4 Ippjanar ċentralizzat biex tiżdied il-provvista tal-akkomodazzjoni	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-liġi li tistabbilixxi l-azzjonijiet addizzjonali meħuda mill-Istat biex jinforza ftehimiet dwar il-kostruzzjoni jew il-konverżjoni ta' abitazzjonijiet ġodda	Dispożizzjoni fil-liġi li tippredvi d-dħul fis-seħħ tagħha				L- EW WE L TRI ME STR U TAT -2	2026	Id-dħul fis-seħħ tal-liġi li tippermetti lill-gvern nazzjonali jintervjeni b'azzjoni amministrattiva jew legali f'każ ta' ksur tal-obbligi skont il-ftehimiet provinċjali jew reġjonali dwar il-kostruzzjoni jew il-konverżjoni ta' abitazzjonijiet ġodda. Il-liġi għandha tinkludi dispożizzjonijiet li jippermettu lill-gvern jistabbilixxi, jikseb u jinforza miri dwar il-kostruzzjoni u l-konverżjoni ta' abitazzjonijiet ġodda.
73	C3.1 R4-1 Żieda fid-dipendenza fuq l-introjtu mill-kera	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni biex tiżdied iż-żieda annwali massima fil-kera għal inkwilini b'introjtu medju sa għoli li jgħixu f'akkomodazzjoni	Dispożizzjoni fil-leġiżlazzjoni li tippredvi d-dħul fis-seħħ tagħha				L- EW WE L TRI ME STR U TAL -1	2022	Id-dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni li żżid iż-żieda annwali massima ammissibbli possibbli fil-kera ta' kull xahar fl-akkomodazzjoni soċjali għal EUR 50 għall-inkwilini b'introjtu medju u EUR 100 għall-inkwilini b'introjtu għoli mill-1 ta' Jannar 2022. L-inkwilini b'introjtu medju għandhom jiġu definiti bħala li għandhom introjtu annwali ta' bejn EUR 47 948 u EUR 56 527 (unitajiet domestiċi b'persuna

			ni soċjali							waħda) jew bejn EUR 55 486 u EUR 75 369 (unitajiet domestiċi b'aktar minn persuna waħda) (livell tal-prezz tal-2022). L-inkwilini b'introjtu għoli għandhom jiġu definiti bħala li għandhom introjti annwali ogħla mil-limitu massimu ta' dawn il-marġnijiet.
74	C3.1 R5-1 L-aċċellerazzjoni tal-proċess u l-proċeduri tal-konstruzzjoni residenzjali	Stadju importanti	Ittra lill-Parlament dwar il-konġestjonijiet fil-proċess tal-ippjanar li tidentifika soluzzjonijiet possibbli ppubblikata	Pubblikazzjoni tal-ittra lill-Parlament				L- EW WE L TRI ME STR U TAL -4	2022	Pubblikazzjoni ta' ittra lill-Parlament mill-Ministeru tal-Intern u r-Relazzjonijiet tar-Renju li tidentifika azzjonijiet biex jiġu indirizzati l-konġestjonijiet li jdewmu l-proċess tal-ippjanar, il-ħruġ tal-permessi u l-proċeduri legali relatati ma' proġetti ta' bini residenzjali, inkluż permezz ta' emendi leġiżlattivi jekk ikun meħtieġ; u skeda ta' żmien b'passi konkreti għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet.
75	C3.1 R5-2 L-aċċellerazzjoni tal-proċess u l-proċeduri tal-konstruzzjoni residenzjali	Stadju importanti	Azzjonijiet biex jitħaffef il-proċess tal-ippjanar għal proġetti ta' akkomodazzjoni	Implimentazzjoni ta' sett sostanzjali ta' azzjonijiet identifikati fl-ittra lill-Parlament				L- EW WE L TRI ME STR U TAL -1	2024	Għandu jitwettaq sett sostanzjali ta' azzjonijiet identifikati fl-ittra lill-Parlament taħt l-istadju importanti 74 sabiex jitħaffef il-proċess tal-ippjanar għal proġetti ta' bini residenzjali. Dan għandu jinkludi mill-inqas i) azzjonijiet biex jittejjeb l-għarfien tal-muniċipalitajiet u tal-kumpaniji tal-konstruzzjoni dwar il-proċeduri tal-ippjanar, ii) l-istabiliment ta' tim ta' esperti li jista' jgħin lill-muniċipalitajiet u lill-korporazzjonijiet tal-akkomodazzjoni biex iħaffu l-proċeduri meħtieġa għat-twettiq ta' abitazzjonijiet ġodda u iii) l-istabiliment ta' tim nazzjonali li jista' jassisti lill-muniċipalitajiet fl-indirizzar tal-konġestjonijiet fil-proċeduri tal-ippjanar, iv) it-tmedija ta' sistema għall-monitoraġġ tal-progress fit-tħaffif tal-proċeduri.
77	C3.1 I1-2 Il-ftuħ ta' proġetti ġodda ta' konstruzzjoni	Il-mira	Xogħlijiet ta' konstruzzjoni (taqsima 1)		Numru	0	10 000	L- EW WE L TRI ME STR U TAL -4	2024	L-appoġġ finanzjarju permezz tal-iskema ta' sussidju lill-muniċipalitajiet għandu jiġi approvat. Għandha tibda l-konstruzzjoni ta' 10 000 abitazzjoni. Il-bidu ta' proġetti ta' konstruzzjoni residenzjali fil-kuntest ta' din il-mira għandu jiġi definit bħala l-bidu tax-xogħlijiet fuq il-pedament tal-bini li fih l-abitazzjonijiet.

79	C3.1 I1-4 Il-ftuħ ta' proġetti ġodda ta' kostruzzjoni	Il-mira	Xogħlijiet ta' kostruzzjoni (taqsima 2)		Numru	10 000	60 400	L- EW WE L TRI ME STR U TAT -2	2026	L-appoġġ finanzjarju permezz tal-iskema ta' sussidju lill-muniċipalitajiet għandu jiġi approvat. Għandha tibda l-kostruzzjoni ta' 50 400 abitazzjoni addizzjonali. Il-bidu ta' proġetti ta' kostruzzjoni residenzjali fil-kuntest ta' din il-mira għandu jiġi definit bħala l-bidu tax-xogħlijiet fuq il-pedament tal-bini li fih l-abitazzjonijiet, it-trasformazzjoni ta' bini mhux residenzjali f' bini residenzjali jew l-espansjoni ta' bini residenzjali eżistenti.
80	C3.1 I1-5 Il-ftuħ ta' proġetti ġodda ta' kostruzzjoni	Stadju importanti	Azzjonijiet ta' adattament għat-tibdil fil-klima	Rapport ippubblikat dwar l-azzjonijiet ta' adattament għat-tibdil fil-klima li jissodisfaw l-istandards minimi stabbiliti mill-patti rilevanti f'konformità mal-applikazzjonijiet approvati għas-sussidju				L- EW WE L TRI ME STR U TAT -2	2026	Għandu jiġi ppubblikat rapport mill-gvern nazzjonali. Ir-rapport għandu jipprovdi evidenza kwalitattiva dwar l-azzjonijiet ta' adattament għat-tibdil fil-klima li jissodisfaw l-istandards minimi stabbiliti mill-patti rilevanti f'konformità mal-applikazzjonijiet għas-sussidju approvati. Il-ftehimiet għandhom ikunu ftehimiet bejn il-provinċji, il-muniċipalitajiet u partijiet ikkonċernati oħra fil-proċess ta' kostruzzjoni residenzjali u kummerċjali li fihom il-partijiet ikkonċernati jimpennjaw ruħhom għal standards minimi għall-kostruzzjoni adattiva għat-tibdil fil-klima fuq art privata u pubblika fir-rigward tal-protezzjoni kontra s-sħana, in-nixfa, l-għargħar pluvjali, fluvjali u kostali kif ukoll fir-rigward tal-inklużività tan-natura.
81	C3.2 I1-1 Skema ta' sussidju għas-sostenibbiltà tal-proprjetà immobbli tas-settur pubbliku	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tar-regolament li jistabbilixxi l-iskema ta' sussidju għar-rinnovazzjoni	Dispożizzjoni fir-regolament li tindika d-dħul fis-seħħ tiegħu				L- EW WE L TRI ME STR U TAT -2	2022	Id-dħul fis-seħħ tar-regolament li jistabbilixxi l-iskema ta' sussidju għar-rinnovazzjoni. L-iskema ta' sussidju għandha tipprovdi sussidji lis-sidien ta' proprjetà immobbli pubblika, bħal bini ta' amministrazzjonijiet lokali jew istituzzjonijiet edukattivi u tas-saħħa, sabiex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-bini.
82	C3.2 I1-2 Skema ta' sussidju għas-sostenibbiltà tal-proprjetà immobbli tas-settur pubbliku	Il-mira	Is-somma tat-tnaqqis annwali fl-emissjonijiet tas-CO2 (f'Kton) mill-interventi approvati kollha tar-rinnovazzjoni u		Kilotunnellati ta' tnaqqis ta' emissjonijiet ta' CO2 fis-sena	0	110	L- EW WE L TRI ME STR U TAL	2025	L-interventi approvati tal-effiċjenza enerġetika skont l-iskema ta' sussidju għandhom jammontaw għal tnaqqis ta' CO2 ta' 110 kilotunnellata fis-sena, kif stmat ex ante. L-interventi għandhom jiksibu bħala medja tnaqqis ta' mill-inqas 30 % tal-emissjonijiet diretti u indiretti ta' gassijiet serra meta mqabbla mal-emissjonijiet ex ante.

			tal-effiċjenza enerġetika ssussidjati skont l-iskema					-1		
83	C3.2 I2-1 Sussidju għall-investiment għall-enerġija sostenibbli u l-iffrankar tal-enerġija	Il-mira	Enerġija sostenibbli u interventi ta' ffrankar tal-enerġija ssussidjati		Għadd ta' interventi sussidjati	605 320	653 611	L- EW WE L TRI ME STR U TAL -1	2026	Għandhom jiġu konklużi mill-inqas 48 291 intervent addizzjonali taħt is-sussidju għall-investiment għall-enerġija sostenibbli u l-iffrankar tal-enerġija (pereżempju, bojlers solari, iżolament, pompi tas-sħana) kif muri mid-deċiżjoni ta' żborż. L-interventi għandhom jiksbu bħala medja tnaqqis ta' mill-inqas 30 % fid-domanda għall-enerġija primarja kif muri minn rapport maħruġ mill-Aġenzija tal-Intrapriżi tan-Netherlands (RVO) li jissimula l-iffrankar tal-enerġija abbażi ta' metodoloġija stabbilita u oġġettiva. Ir-rekwiżit li bħala medja jinkiseb tnaqqis ta' mill-inqas 30 % fid-domanda għall-enerġija primarja għandu jirreferi speċifikament għall-interventi totali ssussidjati skont il-miri 83 u 128.

## **D. IL-KOMPONENT 4: SIT-TISĦIĦ TAS-SUQ TAX-XOGĦOL, IL-PENSJONIJIET U L-EDUKAZZJONI ORJENTATA LEJN IL-FUTUR**

L-objettiv ta' dan il-komponent tal-pjan Netherlandiż għall-irkupru u r-reżiljenza, li jikkonsisti f'erba' riformi u sitt investimenti, huwa (i) li jħejji s-suq tax-xogħol u s-sistema tal-pensjonijiet għall-isfidi attwali u futuri u (ii) li jiġġieled it-telf tal-apprendiment bħala riżultat tal-pandemija filwaqt li jippromwovi wkoll l-innovazzjoni diġitali fl-edukazzjoni. Il-miżuri inklużi f'dan il-komponent għandhom l-għan li jnaqqsu d-differenzi bejn l-impjegati u dawk li jaħdmu għal rashom u jindirizzaw l-impjeg indipendenti fittizju, kif ukoll jinvestu fl-impjegabbiltà sostenibbli tal-forza tax-xogħol permezz ta' opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid. Barra minn hekk, it-tieni pilastru tas-sistema tal-pensjonijiet huwa ppjanat li jiġi riformat sabiex ikun adattat aħjar għas-suq tax-xogħol li qed jinbidel filwaqt li jtejjeb ukoll il-ġustizzja interġenerazzjonali, it-trasparenza u r-reżiljenza għax-xokkijiet. Fil-qasam tal-edukazzjoni, huma ppjanati miżuri biex jiġi miġġieled it-telf edukattiv ikkawżat mill-għeluq tal-iskejjel matul il-pandemija tal-COVID-19. Il-komponent jinkludi wkoll investment biex titrawwem l-innovazzjoni diġitali fl-edukazzjoni.

Il-komponent għandu l-għan li jikkontribwixxi għar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż indirizzati lin-Netherlands, b'mod partikolari biex jiġi żgurat li t-tieni pilastru tas-sistema tal-pensjonijiet ikun aktar trasparenti, intergenerazzjonalment aktar ġust u aktar reżiljenti għax-xokkijiet (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 fl-2019 u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 fl-2022), biex jitnaqqsu l-inċentivi għal dawk li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati, filwaqt li tiġi promossa protezzjoni soċjali adegwata għal dawk li jaħdmu għal rashom u jiġi indirizzat l-impjeg indipendenti fittizju, kif ukoll biex jittaffa l-impatt fuq l-impjegati (u soċjali) tal-kriżi tal-COVID-19, u biex jissaħħu l-ħiliet b'mod partikolari ta' dawk fil-marġini tas-suq tax-xogħol u dawk inattivi (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 fl-2019, ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 fl-2020 u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 fl-2022).

